Nru./No. 19,947
Prezz/Price
€3.24

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
## The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 13 ta' Frar, 2018
Tuesday, 13th February, 2018

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

### SOMMARJU — SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ................ 1265 - 1273
*Government Notices* ................ *1265 - 1273*

Avviżi tal-Pulizija ................ 1273 - 1276
*Police Notices* ................ *1273 - 1276*

Opportunitajiet ta' Impieg ................ 1276 - 1277
*Employment Opportunities* ................ *1276 - 1277*

Avviżi tal-Gvern ................ 1277 - 1278
*Notices* ................ *1277 - 1278*

Offerti ................ 1278 - 1291
*Tenders* ................ *1278 - 1291*

Avviżi tad-Direttorat għar-Reġistrazzjoni tal-Proprjetà Industrijali ................ 1291 - 1293
*Industrial Property Registrations Directorate Notices* ................ *1291 - 1293*

Avviżi tal-Qorti ................ 1294 - 1332
*Court Notices* ................ *1294 - 1332*

## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

**Nru. 166**

**AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 19,944 tas-6 ta' Frar, 2018, u Nru. 19,946 tad-9 ta' Frar, 2018, rispettivament.

A.L. 41 tal-2018: Att tal-2018 li jemenda l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (Att Nru. II tal-2018); Avviż ta' bidu fis-seħħ.

A.L. 42 tal-2018: Att dwar il-Provvisti u s-Servizzi (Kap. 117); Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Simplifikazzjoni ta' Pattijiet u Kundizzjonijiet dwar Prodotti tad-Difiża.

A.L. 43 tal-2018: Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101); Ordni tal-2018 li jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.

A.L. 44 tal-2018: Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318); Regolamenti tal-2018 li jemendaw il-Ħames Skeda li tinsab mal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.

It-13 ta' Frar, 2018

**Nru. 167**

**ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)**

**Ħatra tal-Bord tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija skont l-Artikolu 6 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent (Kap. 549), il-Ministru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima ħatar il-Bord tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi kif imsemmi hawn taħt. Dawn il-ħatriet huma effettivi sas-27 ta' Awwissu, 2020.

*Chairperson*
Il-Prof. Victor Axiak

*Viċi Chairperson*
Is-Sa Carmen Buttigieg

## GOVERNMENT NOTICES

**No. 166**

**LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE**

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 19,944 of the 6th February, 2018, and No. 19,946 of the 9th February, 2018, respectively.

L.N. 41 of 2018: Public Administration (Amendment) Act, 2018 (Act No. II of 2018); Commencement Notice.

L.N. 42 of 2018: Supplies and Services Act (Cap. 117); Simplifying Terms and Conditions of Transfers of Defence-Related Products (Amendment) Regulations, 2018.

L.N. 43 of 2018: Dangerous Drugs Ordinance (Cap. 101); Dangerous Drugs Ordinance (Amendment of First Schedule) Order, 2018.

L.N. 44 of 2018: Social Security Act (Cap. 318); Social Security Act (Amendment of Fifth Schedule) Regulations, 2018.

13th February, 2018

**No. 167**

**ENVIRONMENT PROTECTION ACT (CAP. 549)**

**Appointment of the Board of the Environment and Resources Authority**

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by Article 6 of the Environment Protection Action (Cap. 549), the Minister for the Environment, Sustainable Development and Climate Change has appointed the Board of the Environment and Resources Authority as listed below. These appointments are effective until the 27 August, 2020.

*Chairperson*
Prof. Victor Axiak

*Vice-Chairperson*
Ms Carmen Buttigieg

*Membri*
Il-Prof. Alan Deidun
Is-Sur Alan Pulis
Il-Prof. Alfred Vella
Dr Jason Bonnici
Is-Sa Paula Grech Bonnici
Dr Simon Mizzi
Dr Helga Buttigieg
Is-Sa Alexia Pisani

*Segretarju*
Dr Joseph Gatt

It-13 ta' Frar, 2018

*Members*
Prof. Alan Deidun
Mr Alan Pulis
Prof. Alfred Vella
Dr Jason Bonnici
Ms Paula Grech Bonnici
Dr Simon Mizzi
Dr Helga Buttigieg
Ms Alexia Pisani

*Secretary*
Dr Joseph Gatt

13th February, 2018

**Nru. 168**

**ATT DWAR IL-PERITI
(KAP. 390)**

**Bord tal-*Warrant* tal-Periti**

NGĦARRFU b'din illi b'digriet mogħti fis-7 ta' Frar, 2018, u skont l-Att Dwar il-Periti (Kap. 390) u skont il-proċeduri kif stipulati taħt il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 390.01, il-Bord tal-*Warrant* tal-Periti ordna l-inabilitazzjoni temporanja u sospensjoni temporanja tal-*warrant* tal-Perit Paul Cuschieri (*warrant number* 654), għal perjodu ta' tliet (3) xhur b'seħħ mill-15 ta' Frar, 2018.

It-13 ta' Frar, 2018

**No. 168**

**PERITI ACT
(CAP. 390)**

***Bord tal-Warrant tal-Periti***

IT is hereby notified that by a decree dated 7th February, 2018 and in accordance with the Periti Act (Cap. 390) and in accordance with the procedures as stipulated under Subsidiary Legislation 390.01, the *Bord tal-Warrant tal-Periti* ordered the temporary incapacitation and suspension of the warrant of Architect Paul Cuschieri (warrant number 654) for a period of three months with effect from 15th February, 2018.

13th February, 2018

**Nru. 169**

**ATT DWAR IL-ĦADDIEMA
D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA
(ARĠENTIERA)
(KAP. 46)**

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

**No. 169**

**GOLDSMITHS AND
SILVERSMITHS
ACT
(CAP. 46)**

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

| Data<br>*Date* | Deheb Pur<br>Gramma<br>*Pure Gold*<br>*Grams* | Fidda Pura<br>Gramma<br>*Pure Silver*<br>*Grams* |
|---|---|---|
| 13.2.2018 | €34.828 | €0.458 |

It-13 ta' Frar, 2018

13th February, 2018

**Nru. 170**

**NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'MARSAXLOKK**

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Prim Ministru għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet ta' bibien fit-toroq imsemmija f'Marsaxlokk, hawn taħt elenkati u speċifikati f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

**No. 170**

**NUMBERING OF DOORS AT MARSAXLOKK**

IN exercise of the powers conferred by section 115 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Prime Minister has been pleased to order that the numbers/names of the doors in the undermentioned streets at Marsaxlokk, specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*

**MARSAXLOKK**

1. Triq il-Kunċizzjoni
2. Triq Sant'Antnin

**1. TRIQ IL-KUNĊIZZJONI**

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Xatt is-Sajjieda
*Left side entering from Xatt is-Sajjieda*

| Isem/Numru Qadim *Name/Old Number* | Numru Ġdid *New Number* |
|---|---|
| Bieb bla numru | 1 |
| 3 | 3 |
| 5 | 5 |
| Garaxx | 7 |
| Garaxx | 9 |
| 11 | 11 |
| 13 | 13 |
| 15 | 15 |
| 17, Esmay | 17 |
| Garaxx | 19 |
| Garaxx | 21 |
| 21 (Garaxx) | 23 |
| 23, Redentur | 25 |
| Garaxx | 27 |
| Garaxx | 29 |
| Sit bla bini | 31 |
| Sit bla bini | 33 |
| Sit bla bini | 35 |
| Sit bla bini | 37 |
| Sit bla bini | 39 |
| Sit bla bini | 41 |
| Bieb bla numru (Dar) | 43 |
| Garaxx | 45 |
| Garaxx | 47 |

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Xatt is-Sajjieda
*Right side entering from Xatt is-Sajjieda*

| Isem/Numru Qadim *Name/Old Number* | Numru Ġdid *New Number* |
|---|---|
| Erin-Jade | 2 |
| Ħanut | 4 |
| Angela | 6 |
| 4, Tal-Fenka | 8 |
| 6 | 10 |
| 8 | 12 |
| 10 | 14 |
| Sit bla bini | 16 |
| Sit bla bini | 18 |
| Sit bla bini | 20 |
| Sit bla bini | 22 |
| 16 | 24 |
| 18 | 26 |
| Garaxx | 28 |
| 22 | 30 |
| 24 | 32 |
| 26 | 34 |
| Garaxx | 36 |
| Bieb bla numru (Dar) | 38 |
| 28 | 40 |
| Bieb bla numru (Dar) | 42 |
| Madonna Ta' Pompei | 44 |
| Chalann | 46 |
| Garaxx | 48 |

| Isem/Numru Qadim *Name/Old Number* | Numru Ġdid *New Number* | Isem/Numru Qadim *Name/Old Number* | Numru Ġdid *New Number* |
|---|---|---|---|
| Bieb bla numru (Flettijiet) | 49 | Garaxx | 50 |
| Bieb bla numru (Dar) | 51 | Sit bla bini | 52 |
| Sit bla bini | 53 | Sit bla bini | 54 |
| Sit bla bini | 55 | Sit bla bini | 56 |
| Garaxx | 57 | Sit bla bini | 58 |
| El Shaddai | 59 | Sit bla bini | 60 |
| Garaxx | 61 | Sit bla bini | 62 |
| Bieb bla numru (Dar) | 63 | Sit bla bini | 64 |
| Bieb bla numru (Flettijiet) | 65 | Sit bla bini | 66 |
| Sit bla bini | 67 | Sit bla bini | 68 |
| Sit bla bini | 69 | Sit bla bini | 70 |
| Sit bla bini | 71 | Sit bla bini | 72 |
| Sit bla bini | 73 | Sit bla bini | 74 |
| Sit bla bini | 75 | Sit bla bini | 76 |
| Sit bla bini | 77 | Sit bla bini | 78 |
| Sit bla bini | 79 | Sit bla bini | 80 |
| Sit bla bini | 81 | Sit bla bini | 82 |
| Sit bla bini | 83 | Sit bla bini | 84 |
| Sit bla bini | 85 | Sit bla bini | 86 |
| Sit bla bini | 87 | Sit bla bini | 88 |
| Sit bla bini | 89 | Sit bla bini | 90 |
| Bieb bla numru (Flettijiet) | 91 | Garaxx | 92 |
| Quinmar | 93 | United | 94 |
| Garaxx | 95 | Nagħla | 96 |
| Garaxx | 97 | Garaxx | 98 |
| Garaxx | 99 | Fioral | 100 |
| Garaxx | 101 | 15, Osprey | 102 |
| Garaxx | 103 | Garaxx | 104 |
| Edera | 105 | Sit bla bini | 106 |
| Garaxx | 107 | Sit bla bini | 108 |
| Delight | 109 | Garaxx | 110 |
| Nid D’Amour | 111 | Bieb bla numru (Flettijiet) | 112 |
| Garaxx | 113 | Carven | 114 |
| Thomas | 115 | Garaxx | 116 |
| Garaxx | 117 | Coimbra | 118 |
| Garaxx | 119 | Garaxx | 120 |
| Garaxx | 121 | Bieb bla numru (Dar) | 122 |
| Sit bla bini | 123 | Sit bla bini | 124 |
| Sit bla bini | 125 | Sit bla bini | 126 |
| Silver Shadow | 127 | Garaxx | 128 |
| Garaxx | 129 | Sabjur | 130 |
| Gaia | 131 | Cassell House | 132 |
| Il-Midra | 133 | Garaxx | 134 |
| Garaxx | 135 | Winter Fire | 136 |
| Southern Reef | 137 | Garaxx | 138 |
| Daħla għall-garaxxijiet | 139 | | |

## 2. TRIQ SANT'ANTNIN

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn
Triq il-Kavallerizza

*Left side entering from*
*Triq il-Kavallerizza*

| Isem/Numru Qadim *Name/Old Number* | Numru Ġdid *New Number* |
|---|---|
| Garaxx | 1 |
| Gira Flats | 3 |
| Garaxx | 5 |
| Garaxx | 7 |
| Garaxx | 9 |
| Garaxx | 11 |
| Garaxx | 13 |
| Marjes | 15 |
| Garaxx | 17 |
| Garaxx | 19 |
| Salemm | 21 |
| Sit bla bini | 23 |
| Sit bla bini | 25 |
| Ġiljan (Garaxx) | 27 |
| Garaxx | 29 |
| 5B (Garaxx) | 31 |
| 5 | 33 |
| 7 | 35 |
| Garaxx | 37 |
| 11 | 39 |
| 13, Rocky Flats | 41 |
| Ħanut | 43 |
| Ir-Remissa | 45 |
| Garaxx | 47 |
| Bieb bla numru (Dar) | 49 |
| Sit bla bini | 51 |
| Sit bla bini | 53 |
| Sit bla bini | 55 |
| Sit bla bini | 57 |
| 21 | 59 |
| 23, Kennedy House | 61 |
| 25, Francis | 63 |
| St. Anthony | 65 |
| 29, Angelo | 67 |

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn
Triq il-Kavallerizza

*Right side entering from*
*Triq il-Kavallerizza*

| Isem/Numru Qadim *Name/Old Number* | Numru Ġdid *New Number* |
|---|---|
| Garaxx | 2 |
| Uffiċċju | 4 |
| Garaxx | 6 |
| South Wind | 8 |
| Lex Amoris | 10 |
| Fatima | 12 |
| Danica | 14 |
| Munqar (Garaxx) | 16 |
| Michelle's/Josephine Flats | 18 |
| Garaxx | 20 |
| Garaxx | 22 |
| Old Kent Flats | 24 |
| Bieb bla numru (Flettijiet) | 26 |
| Bieb bla numru (Dar) | 28 |
| Garaxx | 30 |
| 4, St. Rita | 32 |
| 6, Paddy | 34 |
| 10 | 36 |
| Garaxx | 38 |
| 14, Gypsy House | 40 |

It-13 ta' Frar, 2018 13th February, 2018

**Nru. 171**

**NUMRI GODDA TA' BIBIEN F'ĦAL BALZAN**

**Emendi**

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 602, tal-14 ta' Awwissu, 1997, taħt it-titolu 'Numri ġodda ta' Bibien f'Ħal Balzan', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

**No. 171**

**NUMBERING OF DOORS AT ĦAL BALZAN**

**Amendments**

WITH reference to Government Notice No. 602, dated 14th August, 1997, under the title 'Renumbering of Doors at Ħal Balzan', the following amendments in **bold** should be made.

**ĦAL BALZAN**

**TRIQ SAN FRANĠISK**

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq it-Tabib J. Zammit

*Left side entering from Triq it-Tabib J. Zammit*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq it-Tabib J. Zammit

*Right side entering from Triq it-Tabib J. Zammit*

| Isem/Numru Qadim *Name/Old Number* | Numru ġdid *New Number* | Isem/Numru Qadim *Name/Old Number* | Numru ġdid *New Number* |
|---|---|---|---|
| Sit bla bini | 117 | | |
| Sit bla bini | 119 | | |
| Sit bla bini | 121 | | |
| Garaxx | 123 | | |
| Happiness | 125 | | |

għandhom jinqraw
*should read*

| Isem/Numru Qadim *Name/Old Number* | Numru ġdid *New Number* | Isem/Numru Qadim *Name/Old Number* | Numru ġdid *New Number* |
|---|---|---|---|
| Sit bla bini | 117 | | |
| **Bieb bla numru (Dar)** | **119** | | |
| **Garaxx** | **121** | | |
| 123 (Garaxx) | 123 | | |
| 125, Happiness | 125 | | |

It-13 ta' Frar, 2018

13th February, 2018

**Nru. 172**

**NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'ĦAL LIJA**

**Emendi**

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 652, tat-2 ta' Settembru, 1997, taħt it-titolu 'Numri ġodda ta' Bibien f'Ħal Lija', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

**No. 172**

**NUMBERING OF DOORS AT ĦAL LIJA**

**Amendments**

WITH reference to Government Notice No. 652, dated 2nd September, 1997, under the title 'Renumbering of Doors at Ħal Lija', the following amendments in **bold** should be made.

**ĦAL LIJA**

**TRIQ TAL-MIRAKLI**

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Annibale Preca

*Left side entering from Triq Annibale Preca*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Annibale Preca

*Right side entering from Triq Annibale Preca*

| Isem/Numru Qadim *Name/Old Number* | Numru ġdid *New Number* | Isem/Numru Qadim *Name/Old Number* | Numru ġdid *New Number* |
|---|---|---|---|
| | | Tbissima | 2 |
| | | Garaxx | 4 |

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* | Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|---|---|
| | | Grada | 6 |
| | | Grada | 8 |
| | | Garaxx | 10 |
| | | Marlou | 12 |
| | | Bieb tal-ġenb | 14 |
| | | L-Ixtur | 16 |
| | | Garaxx | 18 |
| | | Garaxx | 20 |
| | | Garaxx | 22 |
| | | Garaxx | 24 |
| | | Garaxx | 26 |
| | | Garaxx | 28 |
| | | Id-Dwejra | 30 |
| | | Rayro | 32 |
| | | Garaxx | 34 |
| | | Il-Ganċ | 36 |
| | | Garaxx | 38 |
| | | Denika | 40 |
| | | Eastcott | 42 |

għandhom jinqraw
*should read*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* | Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|---|---|
| | | 2, Tbissima | 2 |
| | | 4 (Garaxx) | 4 |
| | | **Daħla għall-garaxxijiet** | **6** |
| | | **Orange Blossom (Flettijiet)** | **8** |
| | | **Jusylgem House** | **10** |
| | | **Sit bla bini** | **12** |
| | | **Sit bla bini** | **14** |
| | | **Sit bla bini** | **16** |
| | | **Sit bla bini** | **18** |
| | | **Sit bla bini** | **20** |
| | | **Sit bla bini** | **22** |
| | | **Tal-Mirakli Court** | **24** |
| | | **Our Anchor** | **26** |
| | | **Opal Drive (Daħla għall-garaxxijiet)** | **28** |
| | | **Majovic** | **30** |
| | | **Luminċell (Flettijiet)** | **32** |
| | | **Kimry** | **34** |
| | | **10 (Garaxx)** | **36** |
| | | **12, Marlou** | **38** |
| | | **Sit bla bini** | **40** |
| | | **Sit bla bini** | **42** |
| | | **Sit bla bini** | **44** |

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|
| **Sit bla bini** | **46** |
| **Sit bla bini** | **48** |
| **Sit bla bini** | **50** |
| **Sit bla bini** | **52** |
| **16, L-Ixtur** | **54** |
| **18 (Garaxx)** | **56** |
| **20 (Garaxx)** | **58** |
| **22 (Garaxx)** | **60** |
| **24 (Garaxx)** | **62** |
| **26 (Garaxx)** | **64** |
| **28 (Garaxx)** | **66** |
| **30, Id-Dwejra** | **68** |
| **32, Rayro** | **70** |
| **34 (Garaxx)** | **72** |
| **36, Il-Ganċ** | **74** |
| **38 (Garaxx)** | **76** |
| **40, Denika** | **78** |
| **42, Eastcott** | **80** |

It-13 ta' Frar, 2018

13th February, 2018

**Nru. 173**

**NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIN-NAXXAR**

**Emendi**

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 629, tal-20 ta' Lulju, 2001, taħt it-titolu 'Numri ġodda ta' Bibien fin-Naxxar', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

**No. 173**

**NUMBERING OF DOORS AT IN-NAXXAR**

**Amendments**

WITH reference to Government Notice No. 629, dated 20th July, 2001, under the title 'Renumbering of Doors at In-Naxxar', the following amendments in **bold** should be made.

**IN-NAXXAR**

**10. TRIQ DUN KARM SCERRI**

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Leli Falzon

*Left side entering from Triq Leli Falzon*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|
| Camliv | 15 |
| Garaxx | 17 |
| Calida | 19 |
| Grada | 21 |

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Leli Falzon

*Right side entering from Triq Leli Falzon*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|

għandhom jinqraw
*sould read*

| Isem/Numru Qadim *Name/Old Number* | Numru ġdid *New Number* | Isem/Numru Qadim *Name/Old Number* | Numru ġdid *New Number* |
|---|---|---|---|
| 15, Camliv | 15 | | |
| 17 (Garaxx) | 17 | | |
| **Bieb bla numru** | **19** | | |
| **Bieb bla numru (Flettijiet)** | **21** | | |
| **Garaxx** | **23** | | |
| **Bieb bla numru (Dar)** | **25** | | |

It-13 ta’ Frar, 2018

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

**Nru. 18**

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta’ Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

**Ir-Rabat**

Nhar il-Ħadd, il-25 ta’ Frar, 2018, mis-6.00 a.m. sad-9.30 a.m., mill-parkeġġ tal-Imdina. M’hemmx aċċess għall-parkeġġ ħlief għar-residenti tal-Imdina, *mobile toilets*, u uffiċjali tal-Maratona bil-*bibs*.

Triq il-Mużew kantuniera ma’ Triq Mario Galea Testaferrata, L-Imdina, mill-5.00 a.m. sad-9.30 a.m. Traffiku ddevjat minn Triq il-Mużew għas-Saqqajja – kontra t-traffiku (M’hemmx aċċess għall-Imdina, inkluż trasport pubbliku, aċċess biss għar-residenti tal-Imdina, *mobile toilets*, vannijiet tad-DHL, u uffiċjali tal-Maratona bil-*bibs*. Għandu jitwaqqaf it-traffiku minn Triq il-Mużew għas-Saqqajja mis-7.25 a.m. sas-7.35 a.m. (il-Maratona tibda) u mid-9.10 a.m. sad-9.20 a.m. (in-Nofs Maratona tibda).

Triq Nikol Saura kantuniera mas-Saqqajja mis-7.05 a.m. sad-9.35 a.m. M’hemmx aċċess għas-Saqqajja ħlief għall-vetturi tal-Maratona bil-*poster* tal-Maratona jew *bib*, pulizija, ambulanza u trasport pubbliku.

Kontroll tat-traffiku għall-ewwel 5 minuti tal-Maratona, mis-7.30 a.m. sas-7.35 a.m.

13th February, 2018

POLICE NOTICE

**No. 18**

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commisioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

**Rabat**

On Sunday, 25th February, 2018, from 6.00 a.m. till 9.30 a.m., through Mdina Gate Car Park. No access to car park except for Mdina residents, mobile toilets and Marathon Officials with bibs.

Triq il-Mużew corner with Triq Mario Galea Testaferrata Mdina, from 5.00 a.m. till 9.30 a.m. Deviate traffic coming from Triq il-Mużew to Saqqajja – against traffic (No access towards Mdina, including public buses, access only for Mdina residents, mobile toilets, DHL vans and Marathon officials with bibs. To stop traffic from Triq il-Mużew to Saqqajja from 7.25 a.m. till 7.35 a.m. (Marathon Start) and from 9.10 a.m. till 9.20 a.m. (Half Marathon Start)

Triq Nikol Saura corner with Saqqajja from 7.05 a.m. till 9.35 a.m. No access to Saqqajja except to Marathon Vehicles with Marathon poster or bib, police, ambulance and public buses.

Control traffic for 1st 5 minutes of Marathon, from 7.30 a.m. till 7.35 a.m.

Triq Borg Olivier kantuniera ma' Triq Ħal Tartarni, mis-7.00 a.m. sat-7.40 a.m.

Jiġi ddevjat it-traffiku 'l isfel għal Triq Ħad-Dingli/ Vjal il-Ħaddiem (in-Nigret) mis-7.25 a.m. sas-7.30 a.m. M'hemmx aċċess għal Triq Ġorġ Borg Olivier u Triq Ħal Tartarni, inkluż trasport pubbliku.

*Roundabout* tal-Villa Romana kantuniera ma' Triq San Pawl mid-8.45 a.m. sad-9.30 a.m.

M'hemmx aċċess għal Triq il-Mużew għat-traffiku kollu, inkluż trasport pubbliku mid-9.05 a.m. sad-9.25 a.m.

Triq Ħad-Dingli kantuniera ma' Triq Ħal Tartarni mis-7.00 a.m. sat-7.40 a.m.

Jiġi ddevjat it-traffiku 'l isfel għal Triq Ħad-Dingli/Vjal il-Ħaddiem (in-Nigret) mis-7.25 a.m. sas-7.30 a.m. M'hemmx aċċess għal Triq Ħal Tartarni, inkluż trasport pubbliku.

*Roundabout* tal-Villa Romana, kantuniera ma' Triq San Pawl mid-8.45 a.m. sad-9.30 a.m.

Kontroll tat-traffiku ġej minn Triq San Pawl waqt li l-ġerrejja jgħaddu u m'hemmx aċċess għas-Saqqajja għat-traffiku kollu, inkluż it-trasport pubbliku mid-9.05 a.m. sad-9.25 a.m.

Ir-*roundabout* taċ-ċimiterju tal-Ingliżi taħt l-Imtarfa, mis-7.30 a.m. sal-10.30 a.m.

Kontroll tat-traffiku għall-atleti mis-7.25 a.m. sat-8.10 a.m. u mid-9.25 a.m. sal-10.00 a.m. Traffiku jieqaf waqt li jgħaddu l-atleti, jitħalla t-traffiku jipproċedi madwar ir-*roundabout* biss meta ma jkunx hemm atleti. Kontroll tat-traffiku u m'hemm l-ebda aċċess għat-triq li tagħti għal Ta' Qali, matul dawn il-ħinijiet.

*Roundabout* Ta' Srina, Triq l-Imdina mit-8.00 a.m. sal-11.00 a.m.

M'hemmx aċċess għal Ħ'Attard, inkluż trasport pubbliku u roti li għandhom jgħaddu minn Ħaż-Żebbuġ.

Triq l-Imdina, entratura għal Ta' Qali, mit-8.00 a.m. sal-11.00 a.m.

Kontroll tat-traffiku, m'hemmx aċċess għal Ta' Qali u Ħ'Attard, inkluż ir-roti.

(*2018 Malta Marathon* – Il-bidu huwa fil-*Gate* tal-Imdina fis-7.30 a.m. u n-Nofs Maratona tibda fid-9.15 a.m.; tispiċċa fil-*Ferries* ta' Tas-Sliema, fis-1.00 p.m.)

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-13 ta' Frar, 2017

Triq Borg Olivier corner with Triq Ħal Tartarni, from 7.00 a.m. till 7.40 a.m.

To deviate traffic down to Triq Ħad-Dingli / Vjal il-Ħaddiem (Nigret) from 7.25 a.m. till 7.30 a.m. No access to Triq Ġorġ Borg Olivier and Triq Ħal Tartarni including public buses.

Roman Villa Roundabout corner with Triq San Pawl from 8.45 a.m. till 9.30 a.m.

No access to Triq il-Mużew for all traffic including public buses from 9.05 a.m. till 9.25 a.m.

Triq Ħad-Dingli corner with Triq Ħal Tartarni from 7.00 a.m. till 7.40 a.m.

To deviate traffic down to Triq Ħad-Dingli/Vjal il-Ħaddiem (Nigret) from 7.25 a.m. till 7.30 a.m. No access to Triq Ħal Tartarni including public buses.

Roman Villa Roundabout, corner with Triq San Pawl from 8.45 a.m. till 9.30 a.m.

Control traffic coming from Triq San Pawl whilst runners are passing and no access to Saqqajja for all traffic including public buses from 9.05 a.m. till 9.25 a.m.

British Cemetery Roundabout beneath Mtarfa, from 7.30 a.m. till 10.30 a.m.

Control traffic for athletes from 7.25 a.m. to 8.10 a.m. and from 9.25 a.m. till 10.00 a.m. Stop traffic whilst athletes pass, allow traffic to proceed around roundabout only when totally clear of athletes. Control traffic and no access whatsoever to road leading to Ta' Qali, during these times.

Ta' Srina Roundabout, Triq l-Imdina from 8.00 a.m. till 11.00 a.m.

No access to Ħ'Attard including public buses and bicycles which are to pass from Ħaż-Żebbuġ.

Triq l-Imdina, entrance to Ta' Qali, between 8.00 a.m. till 11.00 a.m.

Control of traffic, no access to Ta' Qali and Ħ'Attard including bicycles.

(2018 Malta Marathon – The start is at Mdina Gate at 7.30 a.m. and the Half Marathon starts at 9.15 a.m.; the finish is at Sliema Ferries, at 1.00 p.m.)

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

13th February, 2018

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

**Nru. 19**

Bis-saħħa tal-Artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

**Iż-Żurrieq**

Nhar l-Erbgħa, l-14 ta’ Frar, 2018, mill-5.00 p.m. sas-7.00, p.m. minn Triq il-Kbira.

Nhar il-Ġimgħa, is-16 ta’ February, 2018, mill-5.00 p.m. sat-8.30 p.m., minn Triq P. P. Saydon, Triq il-Ħaddiem u Triq il-Qrendi.

**Il-Qala**

Nhar l-Erbgħa, l-14 ta’ Frar, 2018, mill-5.00 p.m. sas-7.00 p.m., minn Pjazza l-Isqof M. F Buttigieg, Triq it-28 ta’ April 1688 u Pjazza San Ġużepp.

Nhar il-Ħadd, l-4 ta’ Marzu, 2018, mill-4.00 p.m. sas-7.00 p.m., minn Pjazza San Ġużepp, Triq in-Nadur, Triq it-Telgħa, Triq il-Mitħna, Triq is-Simar, Triq il-Qala, Triq San Ġużepp u Pjazza Repubblika.

Nhar il-Ġimgħa, id-9 ta’ Marzu, 2018, mill-5.00 p.m. sas-7.00 p.m., minn Pjazza San Kerrew, Triq il-Kunċizzjoni u Pjazza San Ġużepp.

Nhar il-Ġimgħa, it-23 ta’ Marzu, 2018, mill-5.00 p.m. sat-8.30 p.m., minn Pjazza San Ġużepp, Triq San Franġisk, Triq l-Isqof Buttigieg, Triq l-Imġarr, Triq Patri Ġużepp Portelli, Triq il-Belveder, Pjazza l-Isqof Buttigieg u Triq it-28 ta’April 1688.

Nhar il-Ħadd, il-25 ta’ Marzu, 2018, mit-8.00 a.m. sal-11.00 a.m., minn Pjazza San Ġużepp u Triq il-Kunċizzjoni.

Nhar il-Ħadd, il-25 ta’ Marzu, 2018, mill-4.30 p.m. sat-8.00 p.m., minn Pjazza San Ġużepp, Triq San Ġużepp, Triq Lord Strickland, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, Pjazza l-Isqof Mikiel Buttigieg u Triq it-28 ta’ April 1688.

Nhar il-Ġimgħa, it-30 ta’ Marzu, 2018, mis-1.30 p.m. sal-5.30 p.m., minn Pjazza San Ġużepp.

Nhar il-Ħadd, l-1 ta’ April, 2018, mill-10.00 a.m. sas-1.00 p.m., minn Pjazza San Ġużepp, Triq ir-Rebħa, Triq il-Forn u Triq il-Kunċizzjoni

POLICE NOTICE

**No. 19**

In virtue of Article 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended up to the dates and times indicated.

**Żurrieq**

On Wednesday, 14th February, 2018, from 5.00 p.m. till 7.00 p.m., through Triq il-Kbira.

On Friday, 16th February, 2018, from 5.00 p.m. till 8.30 p.m., through Triq P. P. Saydon, Triq il-Ħaddiem and Triq il-Qrendi.

**Qala**

On Wednesday, 14th February, 2018, from 5.00 p.m. till 7.00 p.m., through Pjazza l-Isqof M. F Buttigieg, Triq it-28 ta’ April 1688 and Pjazza San Ġużepp.

On Sunday, 4th March, 2018, from 4.00 p.m. till 7.00 p.m., through Pjazza San Ġużepp, Triq in-Nadur, Triq it-Telgħa, Triq il-Mitħna, Triq is-Simar, Triq il-Qala, Triq San Ġużepp and Pjazza Repubblika.

On Friday, 9th March, 2018, from 5.00 p.m. till 7.00 p.m., through Pjazza San Kerrew, Triq il-Kunċizzjoni and Pjazza San Ġużepp.

On Friday, 23rd March, 2018, from 5.00 p.m. till 8.30 p.m., through Pjazza San Ġużepp, Triq San Franġisk, Triq l-Isqof Buttigieg, Triq l-Imġarr, Triq Patri Ġużepp Portelli, Triq il-Belveder, Pjazza l-Isqof Buttigieg and Triq it-28 ta’April 1688.

On Sunday, 25th March, 2018, from 8.00 a.m. till 11.00 a.m.,through Pjazza San Ġużepp and Triq il-Kunċizzjoni.

On Sunday, 25th March, 2018, from 4.30 p.m. till 8.00 p.m., through Pjazza San Ġużepp, Triq San Ġużepp, Triq Lord Strickland, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, Pjazza l-Isqof Mikiel Buttigieg and Triq it-28 ta’ April 1688.

On Friday, 30th March 2018, from 1.30 p.m. till 5.30 p.m., through Pjazza San Ġużepp.

On Sunday, 1st April, 2018, from 10.00 a.m. till 1.00 p.m., through Pjazza San Ġużepp, Triq ir-Rebħa, Triq il-Forn and Triq il-Kunċizzjoni.

**Il-Qrendi**

Nhar il-Ġimgħa, is-16 ta' Frar, 2018, mill-5.00 p.m. sat-8.30 p.m., minn Triq iż-Żurrieq, Triq il-Kbira, Triq is-Suq, Pjazza Santa Marija, Triq il-Parroċċa u Misraħ il-Knisja.

Nhar il-Ħadd, it-18 ta' Frar, 2018, mit-8.00 a.m. sal-11.30 a.m., minn Triq il-Kbira, Triq is-Suq, Pjazza Santa Marija, Triq il-Parroċċa u Misraħ il-Knisja.

**Marsaxlokk**

Nhar il-Ġimgħa, it-2 ta' Marzu, 2018, mill-5.30 p.m. 'il quddiem, minn Triq iż-Żejtun, Triq l-Arznell, Triq San Piju V, Xatt is-Sajjieda u Pjazza Madonna ta' Pompei.

Nhar il-Ġimgħa, it-23 ta' Marzu, 2018, mill-5.30 p.m. 'il quddiem, minn Xatt is-Sajjieda.

Nhar il-Ħadd, il-25 ta' Marzu, 2018, mid-9.30 a.m. 'il quddiem, minn Triq San Ġużepp, Triq il-Kajjik, Triq Duncan u Pjazza Pompei.

**Il-Gudja**

Nhar il-Ġimgħa, it-23 ta' Marzu, 2018, mill-5.15 p.m. 'il quddiem, minn Triq iż-Żebbuġa, Triq San Mark, Triq G. Cassar, il-pjazza, Triq San Ċiro, Triq San Ġorġ, Vjal it-Torri u Triq Raymond Caruana.

Nhar il-Ħadd, il-25 ta' Marzu, 2018, mit-8.30 a.m. 'il quddiem, minn Triq Santa Marija, Triq il-Lunzjata, Triq Raymond Caruana, Triq il-Kbira, Triq il-Fidwa, Triq San Mark u Triq G. Cassar.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-13 ta' Frar, 2018

ŻFINMALTA

ŻfinMalta Dance Ensemble, il-kumpanija nazzjonali taż-żfin ta' Malta, taħt id-direzzjoni artistika ta' Paolo Mangiola, qed torganizza udjenza bi prova għal żeffiena nisa u rġiel *full-time*.

Iż-żeffiena jrid ikollhom ħiliet ta' kordinazzjoni eċċellenti, sfond tajjeb fil-*ballet* klassiku u prattiċi taż-żfin kontemporanju kif ukoll kapaċità li jaddattaw malajr għal diversi metodi u proċessi ta' xogħol.

Żeffiena nisa jridu jkunu kunfidenti fit-teknika *pointe*.

L-applikanti huma mitluba jibagħtu r-ritratti tagħhom (tal-wiċċ u sħiħ), CV u ħolqa elettronika għal filmat qasir lil (vacancies@zfinmalta.org).

**Qrendi**

On Friday, 16th February, 2018, from 5.00 p.m. till 8.30 p.m., through Triq iż-Żurrieq, Triq il-Kbira, Triq is-Suq, Pjazza Santa Marija, Triq il-Parroċċa and Misraħ il-Knisja.

On Sunday, 18th February, 2018, from 8.00 a.m. till 11.30 a.m., through Triq il-Kbira, Triq is-Suq, Pjazza Santa Marija, Triq il-Parroċċa and Misraħ il-Knisja.

**Marsaxlokk**

On Friday, 2nd March, 2018, from 5.30 p.m. onwards, through Triq iż-Żejtun, Triq l-Arznell, Triq San Piju V, Xatt is-Sajjieda and Pjazza Madonna ta' Pompei.

On Friday, 23rd March, 2018, from 5.30 p.m. onwards, through Xatt is-Sajjieda.

On Sunday, 25th March, 2018, from 9.30 a.m. onwards, through Triq San Ġużepp, Triq il-Kajjik, Triq Duncan and Pjazza Pompei.

**Gudja**

On Friday, 23rd March, 2018, from 5.15 p.m. onwards, through Triq iż-Żebbuġa, Triq San Mark, Triq G. Cassar, the square, Triq San Ċiro, Triq San Ġorġ, Vjal it-Torri and Triq Raymond Caruana.

On Sunday, 25th March, 2018, from 8.30 a.m. onwards, through Triq Santa Marija, Triq il-Lunzjata, Triq Raymond Caruana, Triq il-Kbira, Triq il-Fidwa, Triq San Mark and Triq G. Cassar.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

13th February, 2018

ŻFINMALTA

ŻfinMalta Dance Ensemble, the National Repertory Dance Company of Malta, under the artistic direction of Paolo Mangiola, is holding an audition for female and male full-time dancers.

Dancers must possess excellent coordination skills, a solid background in classical ballet and contemporary dance practices and have the ability to adapt quickly to various working methods and processes.

Female dancers should feel confident with pointe work.

Applicants are asked to send their photos (face and body), CV and a weblink to a short video at (vacancies@zfinmalta.org).

Numru ta' kandidati se jkunu mistiedna għal udjenza bi prova nhar is-Sibt, is-7 ta' April, 2018, f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, Triq l-Isptar, Il-Belt Valletta, Malta.

Minn dawn se jintgħażlu wħud li jintalbu jibqgħu għal ġurnata oħra – il-Ħadd, it-8 ta' April, 2018.

L-applikanti li jintgħażlu minn dawn, jingħataw kuntratt bi ħlas ma' ŻMDE minn Awwissu, 2018 sa Lulju, 2019.

Aktar tagħrif dwar il-kumpanija u r-repertorju tagħha jinstab fis-sit elettroniku (www.zfinmalta.org).

L-applikazzjonijiet iridu jintbagħtu sal-4 ta' Marzu, 2018. L-applikanti mistiedna għall-udjenza bi prova jkunu avżati ftit wara.

It-13 ta' Frar, 2018

Shortlisted applicants will be invited to the audition on Saturday, 7th April, 2018, at the Mediterranean Conference Centre, Triq l-Isptar, Valletta, Malta.

Selected applicants will be asked to stay on for an extra day – Sunday, 8th April, 2018.

Successful applicants will enter into a paid contract with ŻMDE from August, 2018 to July, 2019.

More information about the company and its repertoire may be obtained from the website (www.zfinmalta.org)

Deadline for applications 4th of March, 2018. Shortlisted applicants will be notified shortly after.

13th February, 2018

UFFIĊĊJU GĦALL-KOMPETIZZJONI

**Notifika ta' Konċentrazzjoni**

Id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni jgħarraf għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skont regolament 5(4) tar-Regolamenti tal-2002 dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet ippubblikati fl-Avviż Legali 294 tal-2002, in-notifikazzjoni tal-konċentrazzjoni bejn GVC Holding plc (Douglas, Isle of Man) u Ladbrokes Coral Group plc (Londra, Ir-Renju Unit) saret nhar l-Erbgħa, is-7 ta' Frar, 2018, u ġiet aċċettata bħala notifikazzjoni sħiħa nhar il-Ħamis, it-8 ta' Frar, 2018.

Il-konċentrazzjoni hija akkwist minn GVC Holding plc li jagħti kontroll assolut fuq Ladbrokes Coral Group plc.

GVC Holding plc hija kumpanija multinazzjonali tal-*isports betting* u *gaming group*. Għandha liċenzja f'erbatax-il pajjiż u toffri lill-klijenti l-opportunità li jpoġġu mħatri *online* fuq varjetajiet ta' avvenimenti sportivi. Filwaqt li Ladbrokes Coral Group plc hija kumpanija multinazzjonali *multi-channel betting* u kumpanija tal-*gaming* kif ukoll membru tal-FTSE 25. Flimkien mas-sussidjarji tagħha, hija involuta fil-*betting* u *businesses* tal-*gaming*. Iż-żewġ kumpaniji huma involuti fil-qasam tal-*online betting* u servizzi ta' *online gaming* f'Malta.

Id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni jistieden lil terzi interessati biex jissottomettu l-osservazzjonijiet tagħhom dwar il-konċentrazzjoni notifikata.

Tali osservazzjonijiet bil-miktub għandhom jaslu għand l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni fi żmien sebat ijiem mill-pubblikazzjoni ta' din in-notifika f'dan l-indirizz:

OFFICE FOR COMPETITION

**Notification of Concentration**

In terms of Regulation 5(4) of the Control of Concentrations Regulations 2002, published in the Legal Notice 294 of 2002, the Director General of the Office for Competition notifies for general information that a notification of a concentration between GVC Holdings plc (Douglas, Isle of Man) and Ladbrokes Coral Group plc (London, United Kingdom) was filed on Wednesday, 7th February, 2018, and accepted as a complete notification on Thursday, 8th February, 2018.

The nature of the concentration is an acquisition of sole control by GVC Holding plc of the whole of Ladbrokes Coral Group plc.

GVC Holding plc is a multinational sports betting and gaming group. It has licences in 14 countries and it offers customers the opportunity to place bets online on a variety of sports events. Whilst Ladbrokes Coral Group plc is a multinational multi-channel betting and gaming company and it is a member of the FTSE 25. Together with its subsidiaries, it is involved in the betting and gaming businesses. Both companies are actively involved in the provision of online betting and online gaming services, in Malta.

The Director General of the Office for Competition invites interested third parties to submit their written observations on this notified concentration.

Such written observations should reach the Office for Competition within seven days following publication of this notice at the following address:

L-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur
Uffiċċju għall-Kompetizzjoni
Mizzi House
Triq Nazzjonali
Blata l-Bajda HMR 9010
Malta

It-13 ta' Frar, 2018

Malta Competition and Consumer Affairs Authority

Office for Competition
Mizzi House
Triq Nazzjonali,
Blata l-Bajda HMR 9010
Malta

13th February, 2018

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Sospensjoni tat-Traffiku**

Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur jgħarraf li nhar il-Ġimgħa, is-16 ta' Frar, 2018, mid-9.00 a.m. sa nofsinhar, Triq Ferdinand se tkun magħluqa għat-traffiku.

It-13 ta' Frar, 2018

ĦAL GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

**Traffic Suspension**

The Ħal Għargħur Local Council notifies that on Friday, 16th February, 2018, from 10.00 a.m. till noon, Triq Ferdinand will be closed for traffic.

13th February, 2018

MINISTERU GĦALL-AMBJENT, ŻVILUPP SOSTENIBBLI U TIBDIL FIL-KLIMA

Il-Biċċerija fi ħdan il-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima tgħarraf illi offerti elettroniċi dwar l-avviż li ġej se jintlaqgħu fid-data u l-ħin indikati hawn isfel:

**Sal-10.00 a.m. tal-Ġimgħa, is-16 ta' Frar, 2018, għal:**

Avviż Nru. MSDEC/AGR 59/2017 (Avviż 2/2018). Provvista u konsenja ta' *food-grade printing consumables* (*labels*).

Id-dokumenti tal-offerti jistgħu jinkisbu mingħajr ħlas u jistgħu jintwerew jew jitniżżlu u sottomessi BISS mis-sit elettroniku tal-*e-tenders* (http://www.etenders.gov.mt).

It-13 ta' Frar, 2018

MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT, SUSTAINABLE DEVELOPMENT AND CLIMATE CHANGE

The Public Abattoir within the Ministry for the Environment, Sustainable Development and Climate Change notifies that electronic tenders in respect of the following notice will be received on the day and time indicated below:

**Up to Friday, 16th February, 2018, at 10.00 a.m., for:**

Advt No. MSDEC/AGR 59/2017 (Advert 2/2018). Supply and delivery of food-grade printing consumables (labels).

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the e-tenders website (http://www.etenders.gov.mt).

13th February, 2018

MINISTERU GĦALL-AMBJENT, ŻVILUPP SOSTENIBBLI U TIBDIL FIL-KLIMA

Id-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura fi ħdan il-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima jgħarraf illi offerti elettroniċi dwar l-avviżi li ġejjin se jintlaqgħu fid-data u l-ħin indikati hawn isfel:

**Sal-10.00 a.m. tat-Tnejn, is-26 ta' Frar, 2018, għal:**

Avviż Nru. F 95/2017 (Avviż 3/2018). Xogħlijiet ta' rinnovar ta' żewġ *hoist cranes* li jinsabu fil-*hard-standing facility* f'Marsaxlokk.

MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT, SUSTAINABLE DEVELOPMENT AND CLIMATE CHANGE

The Department of Fisheries and Aquaculture within the Ministry for the Environment, Sustainable Development and Climate Change notifies that electronic tenders in respect of the following notices will be received on the day and time indicated below:

**Up to Monday, 26th February, 2018, at 10.00 a.m., for:**

Advt No. F 95/2017 (Advert 3/2018). Refurbishment works of two hoist cranes located at the hard-standing facility, Marsaxlokk.

Id-data tal-għeluq ġiet estiża mill-Ġimgħa, is-16 ta' Frar, 2018.

**Sal-10.00 a.m. tal-Ġimgħa, it-2 ta' Marzu, 2018, għal:**

Avviż Nru. F 84/2015/4 VOL II (Avviż 6/2018). Provvista, konsenja u kkummissjonar ta' *Stainless Steel Hand Pallet Truck with Radio Frequency* (RF) *Connectivity to Point of Sale* (POS) għall-Faċilità tal-*Fish Market* fi ħdan id-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura.

Avviż Nru. F 124/2017 (Avviż 7/2018). Provvista, konsenja, installazzjoni u kkummissjonar ta' *main filtration system* għad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura.

Avviż Nru. F 126/2017 (Avviż 8/2018). Xogħlijiet ta' rinnovar fuq *fibreglass tanks* għad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura.

Avviż Nru. F 127/2017 (Avviż 9/2018). Provvista, konsenja u kkummissjonar ta' *electric generator* għad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura.

Avviż Nru. F 123/2017 (Avviż 10/2018). Lottijiet għall-provvista, konsenja, installazzjoni u kkummissjonar ta' pompi, *air blowers* u *cold rooms* għad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura.

Id-dokumenti tal-offerti jistgħu jinkisbu mingħajr ħlas u jidhru/jitniżżlu u jiġu sottomessi BISS mis-sit elettroniku tal-*e-tenders* (http://www.etenders.gov.mt).

It-13 ta' Frar, 2018

The closing date has been extended from Friday, 16th February, 2018.

**Up to Friday, 2nd March, 2018, at 10.00 a.m., for:**

Advt No. F 84/2015/4 VOL II (Advert 6/2018). Supply, delivery and commissioning of Stainless Steel Hand Pallet Truck with Radio Frequency (RF) Connectivity to Point of Sale (POS) for the Fish Market Facility within the Department of Fisheries and Aquaculture.

Advt No. F 124/2017 (Advert 7/2018). Supply, delivery, installation and commissioning of a main filtration system for the Department of Fisheries and Aquaculture.

Advt No. F 126/2017 (Advert 8/2018). Refurbishment works on fibreglass tanks for the Department of Fisheries and Aquaculture.

Advt No. F 127/2017 (Advert 9/2018). Supply, delivery and commissioning of an electric generator for the Department of Fisheries and Aquaculture.

Advt No. F 123/2017 (Advert 10/2018). Lots for the supply, delivery, installation and commissioning of pumps, air blowers and cold rooms for the Department of Fisheries and Aquaculture.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the e-tenders website (http://www.etenders.gov.mt).

13th February, 2018

MINISTERU GĦALL-AMBJENT, ŻVILUPP SOSTENIBBLI U TIBDIL FIL-KLIMA

Id-Diviżjoni għar-Regolamentazzjoni Veterinarja u Fitosanitarja fi ħdan il-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima tgħarraf illi offerti elettroniċi dwar l-avviż li ġej se jintlaqgħu fid-data u l-ħin indikati hawn isfel:

**Sal-10.00 a.m. tal-Ġimgħa, is-16 ta' Frar, 2018, għal:**

Avviż Nru. VPRD 186/2017 (Avviż 3/2018). Provvista u konsenja ta' tubi tal-*vacuum*, labar u *plastic holders* għall-kollezzjoni ta' kampjuni tad-demm għal għanijiet ta' analiżi fid-Diviżjoni għar-Regolamentazzjoni Veterinarja u Fitosanitarja.

Id-dokumenti tal-offerti jistgħu jinkisbu mingħajr ħlas u jistgħu jintwerew jew jitniżżlu u sottomessi BISS mis-sit elettroniku tal-*e-tenders* (http://www.etenders.gov.mt).

It-13 ta' Frar, 2018

MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT, SUSTAINABLE DEVELOPMENT AND CLIMATE CHANGE

The Veterinary and Phytosanitary Regulation Division within the Ministry for the Environment, Sustainable Development and Climate Change notifies that electronic tenders in respect of the following notice will be received on the day and time indicated below:

**Up to Friday, 16th February, 2018, at 10.00 a.m., for:**

Advt No. VPRD 186/2017 (Advert 3/2018). Supply and delivery of vacuum tubes, needles and plastic holders for the collection of blood samples for analysing purposes at the Veterinary and Phytosanitary Regulation Division.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the e-tenders website (http://www.etenders.gov.mt).

13th February, 2018

MINISTERU GĦALL-AMBJENT, ŻVILUPP SOSTENIBBLI U TIBDIL FIL-KLIMA

Id-Direttorat tal-PARKS u Inizjattivi fi ħdan il-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima jgħarraf illi offerti/kwotazzjonijiet elettroniċi dwar l-avviż li ġej se jintlaqgħu fid-data u l-ħin indikati hawn isfel:

**Sal-10.00 a.m. tat-Tlieta, l-20 ta' Frar, 2018, għal:**

Avviż Nru. PARK 7/2013/44 (Avviż 5/2018). Servizzi ta' tindif li ma jagħmilx ħsara 'l-ambjent fil-Park tal-Familja ta' Sant'Antnin.

Id-dokumenti tal-offerti/kwotazzjonijiet jistgħu jinkisbu mingħajr ħlas u jidhru/jitniżżlu u jiġu sottomessi BISS mis-sit elettroniku tal-*e-tenders* (http://www.etenders.gov.mt).

It-13 ta' Frar, 2018

MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT, SUSTAINABLE DEVELOPMENT AND CLIMATE CHANGE

The PARKS and Initiatives Directorate within the Ministry for the Environment, Sustainable Development and Climate Change notifies that electronic tenders/quotations in respect of the following notice will be received on the day and time indicated below:

**Up to Tuesday, 20th February, 2018, at 10.00 a.m., for:**

Advt No. PARK 7/2013/44 (Advert 5/2018). environmentally friendly cleaning services at Sant'Antnin Family Park.

Quotation/tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the e-tenders website (http://www.etenders.gov.mt).

13th February, 2018

MINISTERU GĦALL-AMBJENT, ŻVILUPP SOSTENIBBLI U TIBDIL FIL-KLIMA

Il-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima jgħarraf illi PMCs, offerti u kwotazzjonijiet elettroniċi dwar l-avviżi li ġejjin se jintlaqgħu fid-data u l-ħin indikati hawn isfel:

**Sal-10.00 a.m. tal-Erbgħa, it-28 ta' Frar, 2018, għal:**

Avviż Nru. MESDC 23/2017 (PMC 2/2017). Konsultazzjoni tas-suq preliminarja għall-irkupru ta' demel tal-bhejjem minn *farms* tal-baqar u ħnieżer u l-espotazzjoni sussegwenti tiegħu.

Id-data tal-għeluq tal-avviż ta' hawn fuq ġie estiż mit-Tlieta, id-9 ta' Jannar, 2018.

Id-dokumenti tal-PMC/offerti/kwotazzjoni jistgħu jinkisbu mingħajr ħlas u jistgħu jintwerew jew jitniżżlu u sottomessi BISS mis-sit elettroniku tal-*e-tenders* (http://www.etenders.gov.mt).

It-13 ta' Frar, 2018

MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT, SUSTAINABLE DEVELOPMENT AND CLIMATE CHANGE

Permezz tal-preżenti l-Avukat Dr Clement Mifsud Bonnici bħala mandatarju speċjali f'isem u in rappreżentanza tal-mittenti Iulia Samunina (detentriċi tal-passaport Russu numru 714446416) jagħmel referenza għall-kawża numru 545/2016JPG fl-ismijiet Iulia Samunina (detentriċi tal-passaport Russu numru 714446416) vs Boarding School (Malta) Ltd (C 22600) (ara hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A) permezz ta' liema sentenza inti ġejt ikkundannata tħallas is-somma ta' €58,085.00 u l-ispejjeż tal-kawża u l-imgħax legali.

Skont it-taxxa uffiċjali maħruga mir-Reġistru tal-Qorti (ara hawn annessa u mmarkata bħala Dok. B, il-bilanc minnek dovut, in linea ta' spejjeż u drittijiet legali inkorsi mill-mittenti f'dawn il-proċeduri, huma s-segwenti:

Spejjeż: €1,503.12
Drittijiet Legali: €1,691.2
VAT fuq id-drittijiet legali € 304.42
Total: €3,498.74

L-imgħaxijiet dekorruti sal-lum fuq is-sorte ta' €58,085.00, bir-rata ta' 8% fis-sena mid-data tal-ittra uffiċjali bin-numru 545/16, l-4 ta' Ottubru, 2016, jammontaw għas-somma ta' €4,379.12.

Għalhekk, it-total minnek dovut in linea ta' sorte, spejjeż, drittijiet legali (*più* VAT) u l-imgħaxijiet huwa ta' €65,962.86, kif dettaljat fil-prospett hawn anness u mmarkat bħala Dok. C salv imgħaxijiet dovuti fuq it-taxxa uffiċjali mid-data tan-notifika ta' din l-ittra uffiċjali.

Inti mitlub sabiex tħallas is-somma totali ta' €65,962.86 lill-mittenti sa mhux aktar tard minn żmien ġimgħa mid-data tan-notifika ta' din l-ittra uffiċjali. Fin-nuqqas il-mittenti ma jkollhom ebda għażla oħra ħlief illi jieħdu proċeduri ulterjuri kontrik permezz ta' ħruġ ta' mandati eżekuttivi dejjem a spejjeż tiegħek.

Tant biex tirregolarizza l-pożizzjoni tiegħek.

Bl-ispejjeż u l-imgħax, inkluż fuq is-sorte u fuq l-ispejjeż u fuq id-drittijiet legali, sad-data tal-pagament effettiv.

Mittenti: 171, Triq l-Ifran, Il-Belt Valletta

Soċjetà intimata (notifika): RBSM (Russian Boarding School Malta), Triq il-Ġifen, Buġibba, San Pawl il-Baħar.

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 9 ta' Frar 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By the present Lawyer Doctor Clement Mifsud Bonnici as special mandatory for and on behalf of the interpellant Iulia Samunina (holding Russian passport number 714446416) makes reference to the case number 545/2016JPG in the names Iulia Samunina (holding Russian passport number 714446416) vs Boarding School (Malta) Ltd (C 22600) (here attached and marked as Doc. A) by means of which judgement you were condemned to pay the sum of €58,085.00 the costs of the proceedings and legal interest.

According to the official taxed bill of costs issued by the Court Registry (here attached and marked as Doc. B) the balanc due by you regarding legal costs and fees incurred by the interepellant in these procedures are as follows:

Costs: €1,503.12
Legal Fees: €1,691.2
VAT on legal fees: € 304.42
Total: €3,498.74

The interest accrued till today on the principal amount of €58,085.00, at the rate of 8% per year from the date of the judicial letter with number 545/16, dated 4th October, 2016, which amounts to €4,379.12.

Thus, the total due by you regarding the sorte, costs, and legal fees (including VAT) and interest is €65,962.86, as detalied in the statement here attached and marked as Doc. C save for the interest due on the taxed bill of costs from the date of notification of the judicial letter.

You are solicited to pay the total amount of €65,962.86 to the interpellant by not later than one week from the day of notification of this judicial letter. In default the interpellant will have no alternative but to procedure further against you by means of the issue of executive warrants all at your own costs.

So much to regulise your position.

With costs and interest, including on the amount and on the costs and on the legal fees, till the day of effective payment.

Interpellant: 171, Old Bakery Street, Valletta

Respondent company (notification): RBSM (Russian Boarding School Malta), Triq il-Ġifen, Buġibba, St Paul's Bay.

Registry of the Superior Courts today 9th February 2018.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

260

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fil-31 ta Jannar, 2018, Rikors numru 154/2018, minn George Marius Hyzler, Karl Hyzler u Mario Hyzler fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur tagħhom fi kwota ta' terz (1/3) indiviż kull wieħed minnhom is-Suċċessjoni ta' Giuseppina sive Josephine Hyzler, xebba, bint il-mejtin Emmanuele u Maria Cristina sive Marietta née Maempel, imwielda ż-Żejtun fit-30 ta' Marzu, 1924, u mietet Tal-Qroqq, L-Imsida, fit-12 ta' Mejju, 2017, ta' 93 sena, u li kellha karta tal-identità bin-numru 0261824M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja

Illum id-9 ta' Frar, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an Application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 31st January, 2018, Application number 154/2018 by George Marius Hyzler, Karl Hyzler and Mario Hyzler whereby they prayed that it be declared open in their favour in the quota of one third (1/3) undivided share each one of them the Succession of Giuseppina sive Josephine Hyzler, unmarried, daughter of the late Emmanuele and Maria Cristina sive Marietta née Maempel, born in Żejtun, on the 30th March, 1924, and died in Tal-Qroqq, Msida, on the 12th May, 2017, aged 93, holding holding identity card number 0261824M.

Wherefore, any person who considers to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 9th February, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

261

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fit-12 ta' Jannar, 2018, Rikors numru 44/2018, minn Maria Rose Borg u Gillian Vassallo fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur tagħhom u dan fi kwota ta'nofs (1/2) indiviż kull waħda minnhom is-Suċċessjoni ta' Moses sive Andrew Zammit, armel minn Winifred Patricia Zammit née Waters, bin il-mejtin Joseph Mary Zammit u Rosina née Caruana, imwieled Ħal Luqa u kien residenti Ħal Luqa fejn miet fl-4 ta' Marzu, 2017, ta' 83 sena, u li kellu karta tal-identità bin-numru 0299733M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja

Illum id-9 ta' Frar, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 12th January 2018, Application number 44/2018, by Maria Rose Borg and GillianVassallo whereby they prayed that it be declared open in their favour in the quota of one half (1/2) undivided share each one of them the Succession of Moses sive Andrew Zammit, widower of Winifred Patricia Zammit née Waters, son of the late Joseph Mary Zammit and Rosina née Caruana, born in Ħal Luqa, resided in Ħal Luqa where he died on the 4th March, 2017, aged 83, holding identity card number 0299733M.

Wherefore, any person who considers to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 9th February, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

262

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fid-9 ta' Jannar, 2018, Rikors numru 27/2018, minn Diana Muscat fejn talbet li tiġi ddikjarata miftuħa favur Paola Montanaro, mart id-*decujus* fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u r-rimanenti nofs (1/2) indiviż favur l-ulied tad-*decujus* Emanuel Montanaro, Diana Muscat u Jacqueline Theuma fi kwoti ndaqs bejniethom is-Suċċessjoni ta' Giuseppe Montanaro, iben il-mejtin Emanuele Montanaro u Ursola née Camilleri, imwieled il-Belt Valletta u kien residenti il-Belt Valleta u miet Tal-Qroqq, L-Imsida, fis-7 ta' Ġunju, 2017, ta' 80 sena, u li kellu karta tal-identità bin-numru 0493936M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja

Illum id-9 ta' Frar, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 9th January, 2018, Application number 27/2018, by Diana Muscat whereby she prayed that it be declared open in favour of Paola Montanaro, wife of the decujus and this in the quota of one half (1/2) undivided share; and the remaining one half (1/2) undivided share in favour of Emanuel Montanaro, Diana Muscat and Jacqueline Theuma in equal shares between them the Succession of Giuseppe Montanaro, son of the late Emanuele Montanaro and Ursola née Camilleri, born in Valletta, and resided inValletta, and died in Tal-Qroqq, Msida, on the 7th June, 2017, aged 80, holding identity card number 0493936M.

Wherefore, any person who considers to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 9th February, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

263

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fil-10 ta' Jannar, 2018, Rikors numru 35/2018, minn Bernarda Tanti, Maria Carmela Gauci u Alfred Sammut, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur tagħhom fi kwoti ndaqs bejniethom is-Suċċessjoni ta' ħuhom Nicholas Sammut, ġuvni, iben il-mejtin Ganni Sammut u Katerina Sammut née Damato, imwieled iż-Żurrieq, Malta, u kien joqgħod iż-Żurrieq, u miet Tal-Qroqq, L-Imsida, Malta, fis-26 ta' Settembru, 2017, ta' 78 sena, u li kellu karta tal-identità bin-numru 589839M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja

Illum id-9 ta' Frar, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 10th January, 2018, Application number 35/2018, by Bernarda Tanti, Maria Carmela Gauci u Alfred Sammut, whereby they prayed that it be declared open their favour in equal shares between them the Succession of their brother Nicholas Sammut, bachelor, son of the late Ganni Sammut and Katerina Sammut née Damato, born in Żurrieq, resided in Żurrieq and died in Tal-Qroqq, Msida, Malta, on the 26th September, 2017, aged 78, holding identity card number 589839M.

Wherefore, any person who considers to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 9th February, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

264

Avviż *ai termini* tal-artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili

Maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

Rikors numru 90/2017

Anthony Portelli (KI 45560 G) ta' 'Canadian Wilderness', Triq it-Tiġrija, In-Nadur, Għawdex;

John Portelli (KI 27670 G) ta' 89, Triq ir-Ramla, In-Nadur, Għawdex;

Mary Stella Saliba (KI 15442 G) ta' 'Canadian Trillium', Triq ta' Said, In-Nadur, Għawdex, kemm f'isimha proprju kif ukoll għan-nom ta' Michael Saliba (KI 58039 G) u ta' Paul Saliba (KI 339812 L), attwalement imsefrin;

Karen Axiak (KI 544591 M) ta' 'Old Trafford', Triq it-Tiġrija, In-Nadur, Għawdex;

Sammy Portelli (KI 23192 G) ta' 64, Triq il-Knisja, Nadur, Għawdex;

vs

Dr Deborah Mercieca li b'digriet tat-3 ta' Jannar, 2018, ġiet nominata Kuratur Deputat sabiex tirrappreżenta lil Peter Paul Attard;

Rikors tar-rikorrenti:

Jesponu bir-rispett u bil-ġurament jikkonfermaw:

Illi l-proprjetà li dwarha qed isir dan ir-rikors tikkonsisti f'porzjon art fil-kuntrada magħrufa bħala 'Tal-Ħanaq', fil-limiti tan-Nadur, Għawdex, bil-kejl ta' ċirka ħames mija u ħamsa u għoxrin metru kwadri (525 m.k.) inkluż il-kamra li hemm ġol-istess porzjon art, li tikkonfina mill-Grigal u l-Majjistral ma' beni ta' Joseph Portelli, missier ir-rikorrenti Sammy Portelli, mil-Lbiċ u x-Xlokk ma' beni tal-familja Grech, u liema art hija aċċessibbli minn passaġġ bir-riġel minn fuq il-proprjetà tal-familja Grech, imbagħad minn passaġġ magħżul li jiżbokka fi Triq Ħida, In-Nadur, Għawdex, faċċata eżatt tad-dar bla numru u bl-isem 'Dar Riħ Fuq' proprjetà tal-konjuġi Vella, kif murija aħjar il-porzjon art delineata bl-aħmar fuq l-annessa pjanta u *site-plan* immarkata bħala Dok. A, libera u franka, u bid-drittijiet, ġjustijiet u pertinenzi kollha tagħha;

Illi din il-proprjetà kienet oriġinarjament tappartieni lil Maria Attard née Grech. Hija kienet akkwistat din il-proprjetà permezz ta' kuntratt ta' diviżjoni fl-atti tan-Nutar

Notice in terms of article 495A of the Civil Code

Issued by the Court of Magistrates (Gozo)

Superior Jurisdiction, General Section

Application number 20/ 2017

Anthony Portelli (ID 45560 G) of 'Canadian Wilderness', Triq it-Tiġrija, Nadur, Gozo;

John Portelli (ID 27670 G) of 89, Triq ir-Ramla, Nadur, Gozo;

Mary Stella Saliba (ID 15442 G) of 'Canadian Trillium', Triq ta' Said, Nadur, Gozo, in her name and on behalf of Michael Saliba (ID 58039 G) and of Paul Saliba (ID 339812 L), currently abroad;

Karen Axiak (ID 544591 M) of 'Old Trafford', Triq it-Tiġrija, Nadur, Gozo;

Sammy Portelli (ID 23192 G) of 64, Triq il-Knisja, Nadur, Gozo;

vs

Dr Deborah Mercieca, who by decree dated 3rd January, 2018, was nominated Deputy Curator to represent Peter Paul Attard;

Application of the applicants:

With respect and on oath the applicants confirm:

That the property subject of this application consists of a plot of land in the area known as 'Tal-Hanaq', in the limits of Nadur, Gozo, measuring circa five hundred and twenty-five square meters (525 sq.m.) including the room that is found in the same plot of land, which is bounded from the North East and North West with property of Joseph Portelli, Sammy Portelli's father, South West and South East with property of the Grech family, and which property is accessible from a foot passage from the property of the Grech family, and then from a passage which ends in triq Hida, Nadur, Gozo, on the opposite side of the house without number and with the name 'Dar Riħ Fuq', property of spouses Vella, as shown in red on the attached plan and site-plan marked as Doc. A, free u unencumbered, and with all its rights and appurtenances;

That the property originally belonged to Maria Attard née Grech. She acquired this property by a contract of division in the acts of Notary Giuzeppi Cauchi of the 10th

Giuzeppi Cauchi tal-10 ta' Awwissu, 1967, liema kuntratt qed jiġi anness u mmarkat bħala Dok. B;

Illi l-imsemmija Maria Attard mietet fl-30 ta' Lulju, 1977 (kopja taċ-ċertifikat tal-mewt annessa u mmarkata bħala Dok. C1). Mir-riċerki testimentarji tagħha (kopja tat-testment u tar-riċerki testamentarji pubbliċi u sigrieti qed jiġu annessa u mmarkata bħala Dok. C2, C3 u C4) irriżulta li hija kienet għamlet testament *unica charta* fl-atti tan-Nutar Dr Guseppe Cauchi tat-13 ta' Ottubru, 1972. Permezz ta' dan it-testment hija nnominat bħala werrieta universali fi kwart (1/4) indiviż kull wieħed lit-tliet uliedha li kienu ħajjin u ossija lil Giorgia Muscat, Joseph Attard u Peter Paul Attard u l-kwart indiviż (1/4) l-ieħor lil ulied binthom Pawla Saliba li mietet fl-14 ta' Novembru, 1957 (kopja taċ-ċertifikat tal-mewt annessa u mmarkata bħala Dok. C5). Ulied Pawla Saliba kien jisimhom Coronato Saliba, Carmelo Saliba u Michael Saliba. Għaldaqstant, it-tliet aħwa Saliba wirtu sehem indiviż minn tnax (1/12) tal-proprjetà fuq deskritta kull wieħed;

Illi mis-suċċessuri ta' Maria Attard, Carmelo Saliba miet fis-26 ta' Ġunju, 2011 (kopja taċ-ċertifikat tal-mewt annessa u mmarkata bħala Dok. D1). Mir-riċerki testimentarji tiegħu rriżulta li huwa rregola s-suċċessjoni tiegħu permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Dr Joanne Cauchi datat is-16 ta' Novembru, 2007 (kopja tat-testment u tar-riċerki testamentarji pubbliċi u sigrieti annessi bħala Dok. D2, D3 u D4). Permezz ta' dan it-testment huwa nnomina bħala eredi universali tiegħu lil uliedu Paul Saliba u Karen mart Raphael Axiaq u ħalla l-użu u l-użufrutt tal-beni tiegħu kollha mobbli u immobbli favur martu Mary Stella Saliba;

Illi mis-suċċessuri ta' Maria Attard, Giorgia Bartolo née Attard, armla ta' Peter Paul Muscat u sussegwentament ta' Felice Bartolo, mietet fit-2 ta' Mejju, 2015 (kopja taċ-ċertifikat tal-mewt annessa u mmarkata bħala Dok. E1). Mir-riċerki testimentarji tagħha rriżulta li hija mietet intestata (kopja tar-riċerki testamentarji pubbliċi u sigrieti qed jiġu annessa u mmarkata bħala Dok. E2, E3 u E4). Għalhekk wirtitha t-tifla tagħha Maria Portelli née Muscat;

Illi l-eredi ta' Giorgia Bartolo, Maria mart Carmelo Portelli, bint Peter Paul Muscat u Giorgia Bartolo née Attard mietet fil-9 ta' Marzu, 2008 (kopja taċ-ċertifikat tal-mewt annessa u mmarkata bħala Dok. F1). Mir-riċerki testamentarji tagħha rriżulta li hija rregolat is-suċċessjoni tagħha permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Dr Maria Vella Magro datat it-2 ta' Awwissu, 2007 (kopja tat-testment u tar-riċerki testamentarji pubbliċi u sigrieti annessi bħala Dok. F2, F3 u F4). Permezz ta' dan it-testment hija nnominat liż-żewġt itfal tagħha li kienu għadhom ħajjin fid-data tal-mewt tagħha u ossija Anthony Portelli u John Portelli, fi kwoti ugwali bejniethom;

Illi mis-suċċessuri ta' Maria Attard, Joseph Attard miet fis-16 ta' Ottubru, 2007 (kopja taċ-ċertifikat tal-

August 1967, which contract is being attached and marked as Doc. B;

That the above-mentioned Maria Attard died on the 30th July, 1977 (copy of her death certificate attached and marked Doc. C1). From her testamentary searches (copy of her last will, of the public and secret testamentary search are being marked as Doc. C2, C3 and C4) it resulted that she had done an unica charta will in the acts of Notary Dr Guseppe Cauchi of the 13th October, 1972. By this will, she nominated as her universal heirs, in one forth undivided each, her three children alive, Giorgia Muscat, Joseph Attard and Peter Paul Attard and the other undivided forth (1/4) to her daughter Pawla Saliba's children. Pawla Saliba died on the 14th November, 1957 (copy of the death certificate attached and marked Doc. C5). Pawla Saliba's children were named Coronato Saliba, Carmelo Saliba and Michael Saliba. Therefore, the three siblings Saliba inherited an undivided share of twelve (1/12) of the above-described property each;

That from the heirs of Maria Attard, Carmelo Saliba died on the 26th June, 2011 (copy of the death certificate attached and marked Doc. D1). From his testamentary searches it resulted that he regulated his succession by a will in the acts of Notary Dr Joanne Cauchi dated 16th November, 2007 (copy of the last will and the public and secret testamentary searches are being attached and marked as Doc. D2, D3 and D4). By this will, he nominated as his universal heirs his children Paul Saliba and Karen wife of Raphael Axiaq and left the right of use and usufruct of all his movable and immovable property to his wife Mary Stella Saliba;

That from the heirs of Maria Attard, Giorgia Bartolo née Attard, widow of Peter Paul Muscat and subsequently of Felice Bartolo, died on the 2nd May, 2015 (copy of the death certificate attached and marked Doc. E1). From her testamentary searches it resulted that she died intestate (copy of the public and secret testamentary searches are being attached and marked as Doc. E2, E3 and E4). Therefore, she was inherited by her daughter Maria Portelli née Muscat;

That the heirs of Giorgia Bartolo, Maria wife of Carmelo Portelli, daughter of Peter Paul Muscat and Giorgia Bartolo née Attard died on the 9th March 2008 (copy of the death certificate attached and marked Doc. F1). From her testamentary searches it resulted that she had regulated her succession by a will in the acts of Notary Dr Maria Vella Magro dated 2nd August, 2007 (copy of the last will and the public and secret testamentary searches attached as Doc. F2, F3 and F4). By this will she nominated her two children which were still alive when she died, that is Anthony Portelli and John Portelli, in equal shares between them;

That from the successors of Maria Attard, Joseph Attard died on the 16th October, 2007 (copy of the death certificate

mewt annessa u mmarkata bħala Dok. G1). Mir-riċerki testamentarji tiegħu rriżulta li huwa rregola s-suċċessjoni tiegħu permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Michael Refalo datat il-21 ta' Ġunju, 1995 (kopja tat-testment u tar-riċerki testamentarji pubbliċi u sigrieti annessi bħala Dok. G2, G3 u G4). Permezz dan l-aħħar testment huwa nnomina linneputija tiegħu, l-imsemmija Maria mart Carmelo Portelli bħala eredi universali tiegħu;

Illi permezz ta' kuntratt ta' akkwist datat l-24 ta' Settembru, 1979, fl-atti tan-Nutar Cefai l-istess Joseph Attard xtara mingħand l-imsemmi Coronata Saliba sehem indiviż minn tnax (1/12) minn din il-proprjetà (kopja tal-kuntratt qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. H1). Illi dan l-akkwist sar meta Joseph Attard kien miżżewweġ lil Maria Attard née Camilleri (kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ anness u mmarkat bħala Dok. H2). Għaldaqstant, nofs is-sehem indiviż minn tnax (1/12) huwa ta' Joseph Attard, filwaqt li n-nofs l-ieħor jappartieni lil martu Maria Attard née Camilleri;

Illi Maria Attard née Camilleri mietet fil-20 ta' Mejju, 1994 (kopja taċ-ċertifikat tal-mewt annessa u mmarkata bħala Dok. I1). Mir-riċerki testimentarji tagħha rriżulta li hija rregolat is-suċċessjoni tagħha permezz ta' testment *unica charta* fl-atti tan-Nutar Dr Emanuel George Cefai tal-21 ta' Novembru, 1985 (kopja tal-aħħar testament u tar-riċerki testamentarji pubbliċi u sigrieti qed jiġu annessa u mmarkata bħala Dok. I2, I3 u I4). Permezz ta' dan it-testment hija nnominat bħala eredi universali tagħha lil żewġha Joseph Attard. Għalhekk nofs is-sehem indiviż minn tnax (1/12) wirtu żewġha;

Għalhekk, l-istess Joseph Attard meta miet kien proprjetarju ta' terz (1/3) indiviż tal-imsemmija proprjetà. Illi lil Joseph Attard wirtitu Maria Portelli kif spjegat aktar 'il fuq, li sussegwentament wirtuha wliedha Anthony Portelli u John Portelli, fi kwoti ugwali bejniethom. Għaldaqstant, huma wirtu seba' ishma indiviżi minn erbgħa u għoxrin (7/24) tal-proprjetà fuq deskritta kull wieħed;

Illi Peter Paul Attard ukoll wiret kwart (1/4) indiviż mill-proprjetà fuq deskritta mingħand ommu Maria Attard. Illi ħadd mill-esponenti ma jaf x'sar mill-imsemmi Peter Paul Attard u jekk għadux ħaj jew le. Għalhekk hu, jew f'każ li miet l-eredi tiegħu, huma proprjetarji ta' kwart (1/4) tal-imsemmija proprjetà;

Illi abbażi ta' dan kollu, il-proprjetà msemmija hija miżmuma fil-kwoti segwenti (prospett anness bħala Dok. J):

Anthony Portelli huwa proprjetarju ta' seba' ishma indiviżi minn erbgħa u għoxrin (7/24) tal-proprjetà fuq deskritta,

attached and marked Doc. G1). From his testamentary searches it resulted that he regulated his succession by a will in the acts of Notary Michael Refalo of the 21st June, 1995 (copy of the last will and the public and secret testamentary searches attached as Doc. G2, G3 and G4). By his last will he nominated his niece, the above-mentioned Maria wife of Carmelo Portelli as his universal heir;

That by a contract of sale dated 24th September, 1979, in the acts of Notary Cefai the said Joseph Attard bought from the above-mentioned Coronata Saliba an undivided share of twelve (1/12) of the property (copy of the contract is being attached and marked as Doc. H1). That this sale was done when Joseph Attard was married to Maria Attard née Camilleri (copy of the marriage certificate is being marked as Doc. H2). Therefore, half the undivided share of twelve (1/12) belongs to Joseph Attard, while the other half belongs to his wife Maria Attard née Camilleri;

That Maria Attard née Camilleri died on the 20th May, 1994 (copy of the death certificate attached and marked Doc. I1). From her testamentary searches it resulted that she regulated her succession by an unica charta will in the acts of Notary Dr Emanuel George Cefai of the 21st November, 1985 (copy of her last will and the public and secret testamentary searches are being attached and marked as Doc. I2, I3 and I4). By this will she nominated as her universal heir, her husband Joseph Attard. Therefore, half the said undivided share of twelve (1/12) was inherited by her husband;

Therefore, when the said Joseph Attard died he owned one third (1/3) undivided share of the above-described property. That Joseph Attard was inherited by Maria Portelli as explained above, and then she was inherited by her children Anthony Portelli and John Portelli, in equal shares between them. Hence, they inherited seven undivided shares from twenty four (7/24) of the above-described property each;

That Peter Paul Attard also inherited one forth (1/4) undivided share from the property above-described from his mother Maria Attard. That none of the applicants know of the whereabouts of the said Peter Paul Attard and whether he is still alive or not. Therefore he, or in the case he died, his heirs, own one undivided share of four (1/4) of the said property;

That, according to the above, the above-mentioned property is owned in the following shares (prospect attached as Doc. J):

Anthony Portelli owns seven undivided shares of twenty four (7/24) of the above-described property,

John Portelli huwa proprjetàrju ta' seba' ishma indiviżi minn erbgħa u għoxrin (7/24) tal-proprjetà fuq deskritta,

Michael Saliba huwa proprjetàrju ta' sehem indiviż minn tnax (1/12) tal-proprjetà fuq deskritta,

Mary Stella Saliba għandha dritt ta' użu u użufrutt fuq sehem indiviż minn tnax (1/12) tal-proprjetà fuq deskritta,

Paul Saliba huwa proprjetarju ta' sehem indiviż minn erbgħa u għoxrin (1/24) tal-proprjetà fuq deskritta,

Karen Axiaq hija proprjetarja ta' sehem indiviż minn erbgħa u għoxrin (1/24) tal-proprjetà fuq deskritta,

Peter Paul Attard huwa proprjetàrju ta' kwart (1/4) indiviż tal-proprjetà fuq deskrita;

Illi l-esponenti kollha ħlief Sammy Portelli – li jikkonsistu fis-sidien kollha tal-porzjonijiet art fuq deskritta apparti għall-komproprjetarji mhux magħrufa, li l-esponenti ma jafux min huma – jixtiequ illi l-immobbli fuq imsemmi jinbiegħ lir-rikorrenti Sammy Portelli kif iddikjaraw fil-konvenju li kopja tiegħu qed jiġi hawn annessa bħala Dok. K flimkien ma' riċevuta għar-reġistrazzjoni tal-konvenju annessa bħala Dok. L;

Illi huma jidhrilhom illi ottjenew prezz vantaġġjuż mingħand ir-rikorrenti Sammy Portelli għal din il-proprjetà kif jirriżulta mill-konvenju fejn ġew ukoll elenkati l-kundizzjonijiet ta' dan il-bejgħ u mill-istima ġuramentata tal-Perit Saviour Micallef annessa u mmarkata bħala Dok. M;

Illi però, sfortunatament, il-komproprjetarju l-ieħor ma jistax jinstab;

Illi l-artikolu 495A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta huwa applikabbli f'dan il-każ peress li:

1. ir-rikorrenti kollha apparti Sammy Portelli flimkien mal-intimat huma komproprjetarji ta' din il-proprjetà,

2. il-proprjetà ilha hekk miżmuma in komunjoni għal iżjed minn tliet snin,

3. sal-ġurnata tal-lum ħadd għadu ma istitwixxa xi kawża quddiem xi Qorti rigward id-diviżjoni ta' din il-proprjetà,

4. il-komproprjetarji intimati ma jistgħux jinstabu,

5. ir-rikorrenti għandhom il-maġġoranza tal-ishma minn din il-proprjetà,

John Portelli owns seven undivided shares of twenty four (7/24) of the above-described property,

Michael Saliba owns one undivided share of twelve (1/12) of the above-described property,

Mary Stella Saliba has the right of use and usufruct of one undivided share of twelve (1/12) of the above-described property,

Paul Saliba owns one undivided share of twenty four (1/24) of the above-described property,

Karen Axiaq owns one undivided share of twenty four (1/24) of the above-described property,

Peter Paul Attard owns one undivided share of four (1/4) of the above-described property;

That the applicants except for Sammy Portelli – consisting of all the co-owners of the said property except for those unknown to the applicants – wish to sell the above-mentioned property to the other applicant Sammy Portelli as they have declared in the promise of sale agreement, a copy of which is being attached as Doc. K together with the receipt of registration of the promise of sale agreement attached as Doc. L;

They are of the opinion that they were offered an advantageous price from Sammy Portelli for this property as results from the promise of sale agreement, where the terms and conditions of the same were agreed and from the sworn quote of the Architect Saviour Micallef being attached and marked as Doc. M;

That unfortunately the other co-owners cannot be found;

Thus, Article 495A of Cap. 16 of the Laws of Malta applies in this case because:

1. all the applicants apart from Sammy Portelli together with the respondents are co-owners of such property,

2. the co-ownership of this property has lasted form more than three years,

3. to this day none of the owners has instituted an action before a Court or other tribunal for the partition of this property,

4. the respondents, who are co-owners cannot be found,

5. the applicants have the majority of the shares of this property,

6. ħadd mill-komproprjetarji mhu se ikun gravament ippreġudikat fl-eventwalità li l-Qorti tordna l-bejgħ ta' din il-proprjetà,

7. il-prezz propost huwa wieħed ġust u xieraq.

Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

i. taħtar kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-komproprjetarju mhux magħrufa, u ċjoè lil Peter Paul Attard u dan prevja l-ħruġ tas-soliti bandi;

ii. tordna l-pubblikażżjoni ta' dan ir-rikors fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta oħra lokali fit-termini tal-artikolu 495A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

iii. tordna notifika ta' dan ir-rikors lill-intimati kollha wkoll fit-termini tal-artikolu 495A tal-Kap. 16;

iv. tapprova l-bejgħ propost;

v. tordna l-pubblikażżjoni tal-att ta' bejgħ anke għal dak illi jirrigwarda l-kwoti spettanti lill-intimat, f'jum, ħin u lok illi jiġu għalhekk iffissati;

vi. taħtar lil Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att ta' bejgħ opportun, bl-intervent ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq dak l-att.

Dan ir-rikors huwa appuntat għall-10 ta' April, 2018.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Illum id-9 ta' Frar, 2018

SILVIO XERRI
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribuanli (Għawdex)

6. no co-owner will be seriously prejudiced in the event that the Court orders the sale of such property,

7. the proposed price is fair and appropriate.

Thus, the applicant humbly prays with respect that this Honourable Court:

i. To appoint Deputy Curator in these procedures to represent the interests of the heirs of Peter Paul Attard, saving the issue of the usual bands;

ii. Orders the publication of this application in the Government Gazette and another local news in terms of Article 495A of Cap. 16 of the Laws of Malta;

iii. Orders the notification of this application to all the respondents in terms of Article 495A of Cap. 16 of the Laws of Malta;

iv. Approve the proposed sale;

v. Orders the publication of the deed of sale for the shares of the respondents, on the set day, time and place;

vi. To appoint a Public Notary to publish the relative deed, with the intervention of Deputy Curators to represent the eventual absentees on that deed.

The sworn application is appointed for hearing for the 10th April, 2018.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

This 9th February, 2018

SILVIO XERRI
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

265

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, mogħti fil-31 ta' Jannar, 2018, fuq talba ta' Central Mediterranean Development Corporation Limited (C 453) et, ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredi mhux magħrufa ta' Giuseppe Tabone fl-atti taċ-Ċedola ta' Depożitu u Kontestwali Fidi ta' Ċens bin-numru 192/2018 fl-ismijiet Central Mediterranean

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Marshal of the Courts

Notice is hereby given that by a decree of the First Hall of the Civil Court, entered on the 31st day of January, 2018 following the request of Central Mediterranean Development Corporation Limited (C 453) et, it was ordered that deputy curators be appointed to represent the unknown heirs of Giuseppe Tabone in the records of the Schedule of Deposit and Concurrent Redemption of Ground Rent with number

Development Corporation Limited (C 453) et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Ċedola ta' Depożitu u Kontestwali Fidi ta' Ċens, ippreżentata fil-31 ta' Jannar, 2018, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Central Mediterranean Development Corporation Limited (C 453), Zachary Estates Limited (C 10437), u Malta Farmhouses Limited (C 15689)

vs

Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw l-eredi mhux magħrufa ta' Giuseppe Tabone, Central Mediterranean Development Corporation Limited (C 453) et jesponu bir-rispett:

Illi s-soċjetatjiet esponenti jippossiedu l-fond ossija l-klawsura sħiħa fil-limiti ta' Casal Axiak, illum Birżebbuġa, fil-contrada ta' San Giorgio magħrufa bħala 'Tal-Bandieri', deskritta fiċ-Ċedola ta' Depożitu u Kontestwali Fidi ta' Ċens fuq imsemmija;

Illi l-imsemmi fond huwa suġġett għal ċens annwu u perpetwu, ammont mogħti fl-istess Ċedola ta' Depożitu u Kontestwali Fidi ta' Ċens;

Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà mogħtija lilhom permezz tal-Artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) u jifdu l-kwota ta' tliet kwinti indiviżi (3/5) ta' dan l-istess ċens *ai termini* tal-istess liġi billi jiddepożitaw s-somma ta' €56.00 li tirrappreżenta l-prezz tal-fidi ta' din il-kwota tal-imsemmi ċens kif ukoll l-ammont ta' €14.00 rappreżentanti l-aħħar ħames snin ċens biex jiġu liberament żbankati mill-kuraturi deputati nominati biex jirrappreżentaw l-eredi mhux magħrufa ta' Giuseppe Tabone, wara li titħalla d-debita riċevuta skont il-liġi.

Esponenti: Central Mediterranean Development Corporation Limited (C 453) et, 30, Triq l-Arċisqof, Il-Belt Valletta

Notifiki: Kuraturi Deputati, Qrati Superjuri, Il-Belt Valletta

Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Il-Belt Valletta
Reġistru tal-Artijiet, Il-Belt Valletta

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

192/2018 in the names Central Mediterranean Development Corporation Limited (C 453) et vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By a Schedule of Deposit and Concurrent Redemption of Ground Rent, filed on the 31st day of January, 2018, in the First Hall of the Civil Court, in the names Central Mediterranean Development Corporation Limited (C 453), Zachary Estates Limited (C 10437), and Malta Farmhouses Limited (C 15689)

vs

Deputy Curators to represent the unknown heirs of Giuseppe Tabone, Central Mediterranean Development Corporation Limited (C 453) et respectfully submitted:

That the depositors possess the premises rather the whole land/area in the limits of Casal Axiak, today Birżebbuġa, in the area of San Giorgio known as 'Tal-Bandieri', described in the aforementioned Schedule of Deposit and Concurrent Redemption of Ground Rent;

That the said property is subject to an annual and perpetual ground rent, amount given in the same Schedule of Deposit and Concurrent Redemption of Ground Rent;

That the depositors would like to avail themselves of the faculty contemplated in Article 1501 of the Civil Code (Chap. 16 of the Laws of Malta) and redeem the share of three undivided quarters (3/5) of this same ground rent in terms of the cited law by depositing the sum of €56.00 which represents the price of redemption of this share of the said ground rent as well as the amount of €14.00 representing the ground rent of the last five years in order to be freely withdrawn by the deputy curators appointed to represent the unknown heirs of Giuseppe Tabone, after the due receipt is left according to law.

Depositors: Central Mediterranean Development Corporation Limited (C 453) et, 30, Archbishop Street, Valletta

Services: Deputy Curators, Superior Courts, Valletta

Director of the Public Registry, Valletta
Land Registry, Valletta

Now, Therefore, Marshal of the Courts, you are hereby commanded to affix an official copy of this Bann at the entrance of this Superior Court and to hereby call whosoever wishes to be nominated as a curator to present himself/herself in this Registry within six days and make known his/her interest through a declaratory note.

Ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi tagħżel Kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Joseph R. Micallef, LLD, Duttur tal-Liġi.

Datat il-31 ta' Jannar, 2018

Reġistru tal-Qrati Superjuri
Illum il-Ġimgħa, id-9 ta' Frar, 2018

AV. DOTT. FRANK-LUKE M. ATTARD CAMILLERI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

You are further commanded to inform each and every one that in default, this Court will proceed to nominate an official curator.

And after execution, or upon your meeting with any obstacle in the execution hereof, you shall forthwith report to this Court.

Given by the abovementioned Superior Court and witnessed by The Hon. Mr Justice Joseph R. Micallef, LLD, Doctor of Laws.

Dated this 31st day of January, 2018

Registry of the Superior Courts
Today Friday, 9th February, 2018

ADV. DR FRANK-LUKE M. ATTARD CAMILLERI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

266

B'Nota ippreżentata, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili,fit-8 ta' Frar 2018, in-Nutar Liza Schembriġabet is-segwenti dokument biex jiġi ppubblikat *ai termini* tal-Artikolu 9 tal-Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz ta' kuntratt ippublikat, mill-imsemmija Nutar Liza Schembri, fis-6 ta' Frar, 2018, Dominic Carbonaro, *self-employed*, bin il-mejjet Joseph u Maria Carmela née Mallia, imwieled Ħ'Attard u residenti f'Ta' Sannat, Għawdex (KI 134266M), u Angela Carbonaro, impjegata, mart Dominic, bint il-mejjet Emanuel Grima u Margerita née Vella, imwielda u residenti Ta' Sannat, Għawdex (KI 17068G), fil-kuntratt riferiti bħala 'l-ġenituri', emanċipaw lil binhom Joseph Carbonaro (KI 0028002L), ġuvni, student, imwieled Tal-Pietà, fl-14 ta' Jannar, 2002, u residenti Ta' Sannat, Għawdex, għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum id-9 ta' Frar, 2018

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a Note presented, in the First Hall Civil Court, on the 8th February 2018, Notary Liza Schembri, produced the following document to be published in terms of Article 9 of Cap. 13 of the Laws of Malta.

By means of a contract published, by the said Notary Liza Schembri,on the 6th February 2018, Dominic Carbonaro, self-employed, son of the late Joseph and Maria Carmela née Mallia, born Ħ'Attard and residing in Ta' Sannat, Gozo, (ID 134266M) and Angela Carbonaro, employee, wife of Dominic, daughter of the late Emanuel Grima and Margerita née Vella, born and residing, Ta' Sannat, Gozo (ID 17068G), in the contract referred to as 'the parents' emancipated their son Joseph Carbonaro (ID 0028002L), bachelor, student, born in Tal-Pietà, on the 14th January, 2002, and residing Ta' Sannat, Gozo, for all intents and purposes of law.

Registry of the Superior Courts, today 9th February 2018

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

267

Permezz ta' digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti fl-10 ta' Novembru, 2017, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2548/16, fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd vs Morris-Joseph Abela, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Morris-Joseph Abela a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

By means of a decree of the 10th November, 2017, handed down by the First Hall of the Civil Court in the records of the judicial letter number 2548/2016 in the names Automated Revenue Management Services Limited vs Morris-Joseph Abela , the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Morris-Joseph Abela in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Illum id-29 ta' Lulju, 2016

Lil Morris-Joseph Abela (KI 23242G) ta' 141, Triq it-Torri, Tas-Sliema

Permezz tal-preżenti Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) ta' Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u għan-nom tal-Korporazzjoni Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed jinnotifikawk bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A, għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed jinterpellawk sabiex tħallas is-somma ta' €51,008.96, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżantanti bilanċ dovut għall-konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' *meter* tal-ilma u elettriku u spejjeż amministrattivi, *connection* u *disconnection fees*, flimkien ma' imgħax dovut fuq l-Ammont skont il-Liġirelatat mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 101000201883, ossija dwar il-fond bl-indirizz 141, Triq it-Torri, Tas-Sliema, liema ammont jammonta għal €51,008.96.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, int inqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. *Di piu* ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tagħkom fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti jgħaddu biex jesegwixxu dan il-kreditu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum id-9 ta' Frar, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Today 29th July, 2016

To Morris-Joseph Abela (ID 23242G) of 141, Triq it-Torri, Tas-Sliema

By the present, Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) of Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, in its own name and on behalf of Enemalta Corporation and Water Services Corporation, notifies you with the attached sworn declaration marked as Document A, for all the purposes and effects of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the amount of €51,008.96, which amount is sure, liquid and due and respresenting the balance due for the consumption of water and electricity, rent of water and electicity meters administrative costs, connection and disconnection fees, together with interest due on the amount according to the bill number 101000201883 in the amount of €51,008.96 regarding the premises 141, Triq it-Torri, Sliema.

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the amount due.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on your part within the time mentioned in Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

With costs

Registry of the Superior Courts today 9th February, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

268

Permezz ta' digriet mogħti fis-7 ta' Novembru, 2017, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2560/17, fl-ismijiet Registratur Qrati Ċivili u Tribunali vs the Wild Goose Company Limited, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-kumpanija intimata a tenur tal-Artikolu 187(5) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum id-19 ta' Lulju, 2017

Lil The Wild Goose Company Limited ta' Flat 10, Wateredge Apartments, Qui-Si-Sana-Place, Tas-Sliema

By means of a decree of the 7th November, 2017, given by the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 2560/17, in the names Registrar of Civil Courts and Tribunals vs The Wild Goose Company Limited, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent company in terms of Article 187(5) of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 19th July, 2017

To The Wild Goose Company Limited of Flat 10, Wateredge Apartments, Qui-Si-Sana-Place, Tas-Sliema

Permezz tal-preżenti r-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali ta' Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, jinterpellak sabiex tgħaddi u tħallas fi żmien erbat (4) ijiem min-notifika lilek ta' din l-ittra uffiċjali, is-somma ta' €2,250.80 minnek dovuta bħala drittijiet tar-Reġistru in konnessjoni mal-kawża fl-ismijiet:

Strand Marine Ltd vs The Wild Goose Co. Ltd et (SC, TM, JA1), deċiża fit-28 ta' April, 2017.

Fin-nuqqas il-mittent jirriżerva li jipproċedi kontrik ulterjorment skont il-liġi.

Tant biex tagħraf timxi

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum id-9 ta' Frar, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By the present the Registrar of Civil Courts and Tribunals of Law Courts, Triq ir-Repubblika, Valletta, solicits you so that within four days from the notification of this judicial letter you pay the sum of €2,250.80 due by you as Registry fees in connection with the law suit in the names:

Strand Marine Ltd vs The Wild Goose Co. Ltd et (SC, TM, JA1), decided on the 28th April, 2017.

In default the applicant reserves to proceed further against you according to law.

So much for your own guidance

With costs

Registry of the Superior Courts today 9th February, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

269

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-30 ta' Novembru, 2017, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3897/16, fl-ismijiet Bank of Valletta plc vs Alfred Camilleri et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Geraldine Camilleri a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti lil Alfred Camilleri u Geraldine Camilleri (KI 289980M) ta' 15, Triq Birkirkara, San Ġiljan, fit-30 ta' Novembru, 2016, Bank of Valletta plc ta' 1/5 Misraħ San Ġorġ, Valletta VLT 1190, tinterpellakom sabiex fi żmien jumejn tħallsu flimkien u in solidium is-somma ta' €126,038.15, bilanċ għad-debitu fil-Loan u Overdraft Accounts tagħkom mal-Bank of Valletta plc flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri mis-17 ta' Novembru, 2016

Is-soċjetà mittenti tavżakom illi jekk tonqsu hija se tkun kostretta tipproċedi kontra tagħkom skont il-liġi.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum id-9 ta' Frar, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 30th Novembru, 2017, in the First Hall of the Civil Courts in the records of the judicial letter number 3897/16 in the names Bank of Valletta plc vs Alfred Camilleri et , ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Geraldine Camilleri in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the First Hall of the Civil Courts against Alfred Camilleri and Geraldine Camilleri (ID 289980M) of 15, Triq Birkirkara, San Giljan, on the 30th November, 2016, Bank of Valletta plc of 1/5, Misraħ San Ġorġ, Valletta VLT 1190, solicits you so that within two days you pay the sum, together and in solidium, of €126,038.15, balance of debt in your Loan and Overdraft Accounts with Bank of Valletta plc together with further interests from the 17th November, 2016

The interpellant company warns you that if you fail they shall be constrained to proceed against you according to law.

Registry of the Superior Courts today 9th February, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

270

Permezz ta' digriet mogħti fil-15 ta' Novembru, 2017, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Lorenza sive Laura Jenkins vs Ivan Sammut et Rikors numru 122/2017JD, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Ivan Sammut

By means of a decree of the 15th November, 2017, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Lorenza sive Laura Jenkins vs Ivan Sammut et, Application number 122/2017JD, the following publication was ordered for the purpose of effecting service

u Saviour sive Sammy Sammut a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Lorenza sive Laura Jenkins (KI 0789338M) vs Ivan Sammut (KI 83271M) u Saviour sive Sammy Sammut (KI 201762M), ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fis-6 ta' Settembru, 2017, ir-rikorrenti Lorenza sive Laura Jenkins tesponi bir-rispett u bil-ġurament tagħha tikkonferma li:

Illi l-attrici hija padruna tal-fond 41, Triq San Mikiel Ir-Rabat, Malta, liema fond kien mikri lil Abel Sammut bir-rata ta' €116.47 kull sitt xhur bil-quddiem, dovuti kull 27 ta' Ottubru u kull 27 ta' April ta' kull sena;

Illi fil-fond inkwistjoni Abel Sammut kien jgħix bil-familja tiegħu u cjoè martu Maria Dolores u wliedhom Mari, Saviour u Ivan, però matul is-snin it-tliet uliedu marru jgħixu banda oħra.

Illi mbagħad l-inkwilina Maria Dolores Sammut giet nieqsa fis-16 ta' Diċembru, 2015, u dan meta Abel Sammut kien diġà residenti ġo Villa Messina. Abel Sammut baqa' armel. F'Diċembru 2016 Abel Sammut ġie nieqes ukoll u għalhekk permezz ta' ittra legali tat-22 ta' Marzu, 2017, l-intimat Ivan Sammut li kien iġib il-ħlas tal-kera f'isem missieru, intalab jara li l-fond inkwistjoni jiġi vakat u jirritorna ċ-ċwievet tiegħu. L-intimati rrispondew b'ittra legali li huma kienu jgħixu fil-fond inkwistjoni meta l-esponenti u żewġha Colin Graham Jenkins jafu personalment li dan mhuwiex minnu.

Illi filwaqt li l-intimati allura ma' għandhom ebda titolu validu fuq il-fond 41, Triq San Mikiel, Ir-Rabat, Malta, l-attriċi taf b'dawn il-fatti kollha personalment u għalhekk kellha ssir din il-kawża biex l-intimati ma jibqgħux iċaħħdu lill-attriċi milli tieħu pussess tal-proprjetà tagħha.

Għaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil dan l-Onorabbli Bord biex għar-raġunijiet premessi jogħġbu:

1. Jordna li dan il-każ jigi mismugħ u deċiż bid-dispensa kontemplata fl-Artikolu 16 u 16A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jiddikjara li l-intimati ma għandhom ebda dritt fuq il-fond 41, Triq San Mikiel, Ir-Rabat, Malta, u ma għandhom ebda dritt iħallu effetti personali tagħhom fl-istess fond;

3. Jiddikjara li jekk l-intimati jew min minnhom issa reġa' daħal jgħix fl-imsemmi fond, dan għamlu bla ebda titolu validu fil-liġi;

4. Jordna lill-intimati jivvakaw u jiżgumbraw mill-fond 41, Triq San Mikiel, Ir-Rabat, Malta, kompletament

on the respondents Ivan Sammut and Saviour sive Sammy Sammut in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of an application in the names Lorenza sive Laura Jenkins (ID 0789338M) vs Ivan Sammut (ID 83271M) and Saviour sive Sammy Sammut (KI 201762M), filed in the Rent Regulation Board, on the 6th September, 2017, the applicant Lorenza sive Laura Jenkins requested with respect and confirmed on oath that:

The applicant is the owner of the premises 41, Triq San Mikiel, Rabat, Malta, which premises was leased to Abel Sammut at the rate of €116.47 every six months in advance, due every 27th of October and every 27th April of each year;

In the premises in question Abel Sammut used to live with his family and that is his wife Maria Dolores and their children Mari, Saviour and Ivan, but along the years his three children went to live somewhere else;

Subsequently, the lessee Maria Dolores Sammut died on the 16th December, 2015, and this when Abel Sammut was residing at Villa Messina. Abel Sammut remained widower. In December 2016 Abel Sammut died as well and so by means of a legal letter dated 22nd March, 2017, the respondent Ivan Sammut who used to come and pay the rent in the name of his father was asked to see that the premises in question will be free and return the keys. The respondent answered by a legal letter that they live in the premises in question when the applicant and her husband Colin Graham Jenkins personally know that this is not true.

Whilst the respondents have no valid title on the premises 41, Triq San Mikiel, Rabat, Malta, the applicant knows of these facts personally and so the suit had to be made so that the respondents do not deprive the plaintiff from the possession of her property.

Thus, the applicant humbly prays this Honorable Board for the reasons above mentioned:

1. Order that these proceedings be heard summarily and without proceeding to trial in terms of Articles 16 and 16A of Cap. 69 of the Laws of Malta;

2. Declares that the respondents have no right on the premises 41, Triq San Mikiel, Rabat, Malta, and they have no right to leave their personal effects in the said premises;

3. Declares that if the respondents or any one of them has entered and lives in the said premises, this was made without any valid title at law;

4. Orders the respondents to vacate and evict the premises 41, Triq San Mikiel, Rabat, Malta, completely and returns the

u jirritorna ċ-ċwievet relattivi, b’riżerva għal reklamar ta’ kwalunkwe danni li jistgħu jirriżultaw li saru fil-fond;

5. Jordna lill-intimati jħallsu d-danni tal-okkupazzjoni minn April, 2017 ’il quddiem, sar-rilaxx effettiv tal-fond.

Bl-ispejjeż kollha, inklużi tal-ittra legali tat-22 ta’ Marzu, 2017, kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

Rikorrenti:18, Triq Inguanez, Ir-Rabat, Malta

Intimati: Solonor Flats, Flat 11, Triq il-Ħobbejża, Ir-Rabat, Malta

Ir-rikors ġuramentat fl-ismijiet Lorenza sive Laura Jenkins vs Ivan Sammut et, Rikors numru 122/2017JD, jinsab differit għall-1 ta’ Marzu, 2018, fil-10.30 a.m.

Dan huwa rikors ġuramentat *ai termini* tal-Artikoli 16 u 16A tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta’ Malta. Dawn huma proċeduri sommarji speċjali u għalhekk minn jirċievi dan ir-rikors ġuramentat kontra tiegħu għandu jidher quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera fil-jum u ħin stabbilit u jekk jonqos milli jidher jew milli juri li jkollu difiża li tiswa għal biex jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti, tingħata sentenza fl-ewwel dehra tal-kawża skont il-liġi.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum id-9 ta’ Frar 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

relative keys, and reserving the right to claim any damages that may result to have been suffered in the premises;

5. Orders the respondents to pay the damages for the occupation from April 2017 onwards, till the release of the premises.

With all costs including the legal dated 22nd March, 2017, against the respondent that from now they are summoned so that reference to their oath be made.

Applicant:18, Triq Inguanez, Rabat, Malta

Respondents: Solonor Flats, Flat 11, Triq il-Ħobbejża, Rabat, Malta

The sworn application in the names Lorenza sive Laura Jenkins vs Ivan Sammut et, Application number 122/2017JD, has been postponed for hearing to the 1st March, 2018, at 10.30 a.m.

This is a sworn application in terms of Articles 16 and 16A of Chapter 69 of the Laws of Malta. These are special summary procedures and so who receives this sworn application against him has toappear before the Rent Regulation Board on the day and time established, and if you fail to show during the sitting and they have failed to have a valid defence and reasons to contest the applicants request, a judgement will be given on the first day of hearing according to law.

Registry of the Superior Courts, today 9th February, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

271

Ikun jaf kulħadd illi b’digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja, fis-7 ta’ Frar, 2018 (Digriet numru 15/2018JVC, wara Rikors numru 101/2017JVC) ġiet Inabilitata mill-atti kollha tal-ħajja ċivili Maria Costa, pensjonanta, mart Loreto Costa, bint il-mejtin Francis Grech u Jane née Cauchi, imwielda Għajnsielem, Għawdex, detentur tal-karta tal-identità numru 29947G

Loreto Costa, ir-raġel tagħha, bin Andrew Costa u Mary née Cauchi, imwieled Għajnsielem, Għawdex, u residenti Għajnsielem, Għawdex, karta tal-identità numru 45844G, ġie bl-istess digriet nominat kuratur tagħha.

Reġistrutal-Qortital-Maġistrati(Għawdex),Ġurisdizzjoni Volontarja

It is hereby notified that in virtue of a decree given by the Court of Magistrates (Gozo) in its Voluntary Jurisdiction, on the 7th of February 2018 (Decree number 15/2018JVC, following Application number 101/2017JVC) Maria Costa, pensioner, daughter of the late Francis Grech and Jane née Cauchi, born in Għajnsielem, Gozo, and residing in Għajnsielem, Gozo, identity card number 29947G, has been Incapacitated from all acts of civil life.

Loreto Costa, husband of same Maria Costa, son of Andrew Costa and Mary née Cauchi, born in Għajnsielem, Gozo, and residing in Għajnsielem, Gozo, identity card number 45844G, has been nominated as her curator by virtue of the said decree.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction

Illum it-8 ta' Frar, 2018

DORIANNE CORDINA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

This 8th February, 2018

DORIANNE CORDINA
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

272

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja, fis-6 ta' Frar, 2018 (Digriet numru 12/2018JVC, wara Rikors numru 4/2018JVC) ġie Interdett mill-atti kollha tal-ħajja ċivili Loreto Spiteri, pensjonant, bin il-mejtin Charles Spiteri u Josephine née Attard, imwieled Għajnsielem, Għawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 107147G.

Loreta Spiteri, mart l-istess Loretu Spiteri, bint Emanuel Formosa u Paula née Refalo, imwielda x-Xagħra, Għawdex, u residenti Għajnsielem, Għawdex, karta tal-identità numru 41051G, ġiet bl-istess digriet nominata kuratriċi tiegħu.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Volontarja

Illum it-8 ta' Frar, 2018

DORIANNE CORDINA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

It is hereby notified that in virtue of a decree given by the Court of Magistrates (Gozo) in its Voluntary Jurisdiction, on the 6th of February, 2018 (Decree number 12/2018JVC following Application number 4/2018JVC) Loreto Spiteri, son of the late Charles Spiteri and Josephine née Attard, born in Għajnsielem, Gozo and residing in Għajnsielem, Gozo, identity card number 107147G, has been Interdicted from all acts of civil life.

Loreta Spiteri, wife of same Loreto Spiteri, daughter of Emanuel Formosa and Paula née Refalo, born in Xagħra, Gozo, and residing in Għajnsielem, Gozo, identity card number 41051G, has been nominated as his curator, by virtue of the said decree.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction

This 8th February, 2018

DORIANNE CORDINA
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

273

Permezz ta' digriet mogħti fit-23 ta' Jannar, 2018, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3285/17, fl-ismijiet Dr Clement Mifsud Bonnici noe vs Boarding School (Malta) Ltd, is-segwenti pubblikazzjoni ġiet ordnata sabiex isservi ta' notifika fil-konfront tal-kumpanija intimata Boarding School (Malta) Ltd a tenur tal-Artikolu 187(5) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 12 ta' Settembru 2017

Lil Boarding School (Malta) Ltd (C 22600) ta' RBSM (Russian Boarding School Malta), Triq il-Ġifen, Buġibba, San Pawl il-Baħar

Permezz tal-preżenti l-Avukat Dr Clement Mifsud Bonnici bħala mandatarju speċjali f'isem u in rappreżentanza tal-mittenti Elza Kulieva (detentriċi tal-passaport Russu numru 726501848), Dimitri Perfilev (detentur tal-karta tal-identità Ġermaniża numru L3GC19L0N) u Victoria Makoeva (detentriċi tal-passaport Russu numru 727422850) jagħmel referenza għall-kawża numru 185/2016LM fl-

By means of a decree of the 23rd January, 2018, of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 3285/17, in the names Dr Clement Mifsud Bonnici noe vs Boarding School (Malta) Ltd, the following publication for the purpose of effecting service on the respondent company Boarding School (Malta) Ltd was ordered in terms of Article 187(5) of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 12th September 2017

To Boarding School (Malta) Ltd (C 22600) of RBSM (Russian Boarding School Malta), Triq il-Ġifen, Buġibba, St Paul's Bay

By the present Advocate Doctor Clement Mifsud Bonnici as special mandatory for and on behalf of the interpellant Elza Kulieva (holding Russian passport number 726501848), Dimitri Perfilev (holding German identity card number L3GC19L0N) and Victoria Makoeva (holding Russian passport number 727422850) makes reference to the case number 185/2016LM in the names Elza Kulieva (holding

ismijiet Elza Kulieva (detentriċi tal-passaport Russu numru 726501848), Dimitri Perfilev (detentur tal-karta tal-identità Ġermaniża numru L3GC19L0N) u Victoria Makoeva vs Boarding School (Malta) Ltd (C 22600) (ara hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A) permezz ta' liema sentenza inti gejt ikkundannata tħallas is-somma ta' €23,412.60 lil Elza Kulieva u Dimitri Perfilev, is-somma ta' €3,495.00 lil Victoria Makoeva u l-ispejjeż tal-kawża u l-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-ittra uffiċjali bin-numru 113/16.

Skont it-taxxa uffiċjali maħruga mir-Reġistru tal-Qorti (ara hawn annessa u mmarkata bħala Dok. B, il-bilanc minnek dovut, in linea ta' spejjeż u drittijiet legali inkorsi mill-mittenti f'dawn il-proċeduri, huma s-segwenti:

Spejjeż: €914.76
Drittijiet Legali: €806.59
VAT fuq id-drittijiet legali: €145.19
Total: €1866.54

L-imgħaxijiet dekorruti sal-lum fuq is-sorte ta' €26,907.60, bir-rata ta' 8% fis-sena mid-data tal-ittra uffiċjali bin-numru 113/16, it-13 ta' Jannar, 2016, jammontaw għas-somma ta' €3,580.41.

Għalhekk it-total minnek dovut in linea ta' sorte, spejjeż, drittijiet legali (*piu* VAT) u l-imgħaxijiet huwa ta' €32,354.55, kif dettaljat fil-prospett hawn anness u mmarkat bħala Dok. C. Salv imgħaxijiet dovuti fuq it-taxxa uffiċjali mid-data tan-notifika ta' din l-ittra uffiċjali.

Inti mitlub sabiex tħallas is-somma totali ta' €32,354.55 lill-mittenti sa mhux aktar tard minn żmien ġimgħa mid-data tan-notifika ta' din l-ittra uffiċjali. Fin-nuqqas il-mittenti ma jkollhom ebda għażla oħra ħlief illi jieħdu proċeduri ulterjuri kontrik permezz ta' ħrug ta' Mandati eżekuttivi dejjem a spejjeż tiegħek.

Tant biex tirregolarizza l-pożizzjoni tiegħek

Bl-ispejjeż u l-imgħax, inkluż fuq is-sorte u fuq l-ispejjeż u fuq id-drittijiet legali, sad-data tal-pagament effettiv.

Mittenti: 171, Triq l-Ifran, Il-Belt Valletta

Soċjetà intimata (notifika): RBSM (Russian Boarding School Malta), Triq il-Ġifen, Buġibba, San Pawl il-Baħar.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum id-9 ta' Frar, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Russian passport number 726501848), Dimitri Perfilev (holding German identity card number L3GC19L0N) and Victoria Makoeva vs Boarding School (Malta) Ltd (C 22600) (here attached and marked as Doc. A) by means of which judgement you were condemned to pay the sum of €23,412.60 to Elza Kulieva and Dimitri Perfilev, the sum of €3,495.00 to Victoria Makoeva and the costs of the proceedings and legal interest which accrued from the date of the judicial letter number 113/16.

According to the official taxed bill of costs issued by the Court Registry (here attached and marked as Doc. B) the balance due by you regarding legal costs and fees incurred by the interpellant in these procedures are as follows:

Costs: €914.76
Legal Fees: €806.59
VAT on legal fees: €145.19
Total: €1866.54

The interest accrued till today on the principal amount of €26,907.60, atthe rate of 8% per year from the date of the judicial letter with number 113/16, that is 13th January, 2016, amounts to €3,580.41.

Thus, the total due by you regarding the sorte, costs, and legal fees (including VAT) and interest is €32,354.55, as detailed in the statement here attached and marked as Doc. C. Save for the interest due on the Taxed bill of costs from the date of notification of the judicial letter.

You are solicited to pay the total amount of €32,354.55 to the interpellant by not later than one week from the day of notification of this judicial letter. In default the interpellant will have no alternative but to proceed further against you by means of the issue of executive warrants all at your own cost.

So much to regulise your position

With costs and interest, including on the amount and on the costs and on the legal fees, till the day of effective payment.

Interpellant: 171, Old Bakery Street, Valletta

Respondent company (notification): RBSM (Russian Boarding School Malta), Triq il-Ġifen, Buġibba, St Paul's Bay.

Registry of the Superior Courts today 9th February, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

274

Permezz ta' digriet mogħti fis-6 ta' Novembru, 2017, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1594/17, fl-ismijiet Conmal Limited vs Alfred Mamo et, is-segwenti pubblikazzjoni ġiet ordnata sabiex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum is-27 ta' April, 2017

Lil: Alfred Mamo (KI 67574M) ta' 73, Shamrock House, Triq Reggie Miller, Il-Gżira GZR 1541

Jacqueline Mamo (KI 259871M) ta' 73, Shamrock House, Triq Reggie Miller, Il-Gżira GZR 1541

Permezz tal-preżenti Conmal Limited (C7893) ta' Shalomvillemandary, Flat 3, Triq il-Port Ruman, Il-Qawra, l/o San Pawl il-Baħar, filwaqt li tirreferi għall-iskrittura privata tad-9 ta' Novembru,1998, redatta min-Nutar Dr Tonio Spiteri bejnkom u D Club Limited, l-ishma u l-proprjetà ta' liema ġew amalgamati u magħquda fis-soċjetà mittenti, u filwaqt li tirreferi wkoll għall-fatt illi l-proprjetà tagħkom fi Triq Reggie Miller, il-Gżira qed tigi reklamata għall-bejgħ, tinterpellakom sabiex fi żmien ħmistax-il ġurnata mil-lum tgħollu l-ħajt diviżorju indikat fl-istess att surreferit (u l-pjanta miegħu annessa) għal-livell kontemplat fil-liġi.

Fin-nuqqas li tottemperaw ruħkom mas-suespost fiż-żmien prefiss, se jittieħdu proċeduri ulterjuri fil-konfront tagħkom mingħajr ebda preavviż ieħor.

Tant sabiex tkunu infurmati u tirregolaw ruħkom.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum id-9 ta' Frar, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 6th November, 2017 of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 1594/17, in the names Conmal Limited vs Alfred Mamo et the following publication for the purpose of effecting service on the respondents was ordered in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 27th April, 2017

To: Alfred Mamo (ID 67574M) of 73, Shamrock House, Triq Reggie Miller, Gżira GZR 1541

Jacqueline Mamo (ID 259871M) of 73, Shamrock House, Triq Reggie Miller, Gżira GZR 1541

By the present Conmal Limited (C7893) of Shalomvillemandary, Flat 4, Triq il-Port Ruman, Qawra l/o St Paul's Bay, whilst referring to the private writing dated 9th November 1998 drawn up by Notary Dr Tonio Spiteri between you and D Club Limited, the shares and the property of which were amalgamated and joined in the interpellant company, and whilst referring also to the fact that your property in Triq Reggie Miller, Gżira is being advertised for sale, solicit you so that within fifteen days from today you raise the divided wall indicated in the aforementioed deed (and the plan attached with) to the level contemplated by law.

If you fail to abide with the above mentioned within the time given, further procedures will be taken against you without further notice.

So much so that you may be informed and know how to regulate yourselves.

With costs

Registry of the Superior Courts today 9th February, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

275

Permezz ta' digriet mogħti fit-30 ta' Jannar, 2018, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 48/18, fl-ismijiet Godwin Zarb pro et noe vs Carlo Montebello, is-segwenti pubblikazzjoni ġiet ordnata sabiex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

By means of a decree of the 30th January, 2018, of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 48/18, in the names Godwin Zarb pro et noe vs Carlo Montebello the following publication for the purpose of effecting service on the respondent was ordered in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Illum it-8 ta' Jannar, 2018

Lil Carlo Montebello

Permezz tal-preżenti Godwin Zarb (KI 71363M) f'ismu proprju u f'isem ibnu minuri Andrei Zarb (KI 366102L), Steven Paul Zarb (KI 0447597M) u Kyle Zarb (KI 4111999M) ta' c/o 11/20, Vincenti Buildings, Triq id-Dejqa, Il-Belt Valletta, filwaqt li jagħmlu riferenza għall-kolliżjoni li ġrat fit-23 ta' Jannar, 2016, fi Triq Sant'Andrija, Is-Swieqi, meta fl-istess kolliżjoni ġiet maqtula Marthese Zarb, mart u omm l-istess mittenti, meta din kienet passiġġiera fil-vettura tal-marka Mazda bin-numru ta' reġistrazzjoni FAF 165 misjuqa mill-mittent Godwin Zarb, liema kolliżjoni ġrat minħabba traskuraġni, imperizja, negliġenza u nonosservanza tar-regolamenti tat-traffiku daparti tiegħek meta kont qed issuq il-vettura Fiat Punto bin-numru ta' reġistrazzjoni DBJ 907 u għalhekki jinterpellawk sabiex tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni minnek kaġunati lilhom.

Fin-nuqqas milli tottempera ruħek ma' din l-intima fi żmien ġimgħa sejrin jittieħdu proċeduri ulterjuri kontrik skont il-liġi.

Tant biex tirregolaw ruħkom u tagħrfu timxu.

Bl-ispejjeż

Notifika: Carlo Montebello, 41, Shalom, Triq ta' Gidwet, Marsaskala, u/jew 52, Ivory Flt 1, Triq Lia, Ħaż-Żabbar

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum id-9 ta' Frar, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Today 8th January, 2018

To Carlo Montebello

By the present Godwin Zarb (ID 71363M) in his own capacity and for and on behalf of his minor son Andrei Zarb (ID 366102L), Steven Paul Zarb (ID 0447597M) and Kyle Zarb (ID 4111999M) of c/o 11/20, Vincenti Buildings, Strait Street, Valletta, whilst making reference to the collision of the 23rd January, 2016, in Triq Sant'Andrija, Swieqi, whilst in the same collision Marthese Zarb, wife and mother of the same interpellants, was killed, whilst she was a passanger in the vehicle of the type Mazda with registration number FAF 165 driven by the interpellant Godwin Zarb which collision occurred as a result of your carlessness, lack of skill, negligence and for not observing the traffic regulations on your part whilst you were driving the vehicle Fiat Punto with registration number DBJ 907 and so they solicit you to come forward for the liquidation and payment of damages suffered by them.

In default if you do not abide with this letter within one week they are going to take further procedures against you according to law.

So much so you may know how to proceed and to regulate yourself.

With costs

Notification: Carlo Montebello, 41, Shalom, Triq ta' Gidwet, Marsaskala, and/or 52, Ivory Flt 1, Triq Lia, Ħaż-Żabbar

Registry of the Superior Courts today 9th February, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

276

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) mogħti fit-12 ta' April, 2016, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Carmelo sive Karmnu Demicoli et vs Joseph Mallia (KI 534645M) et, Rikors Ġuramentat numru 273/2008 AF, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Loreta Demicoli et a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz ta' Rikors tal-Appell ippreżentat fil-Qorti tal-Appell (Superjuri), fl-ismijiet Carmelo sive Karmnu Demicoli et vs Joseph Mallia (KI 534645M) et fit-22 ta' Jannar, 2016, Joseph Mallia (KI 534645M) et jesponu bir-rispett:

Notice is hereby given that by a decree of the Court of Appeal (Superior Jurisdiction), entered on the 12th day of April, 2016, in the records of the Sworn Application in the names Carmelo sive Karmnu Demicoli et vs Joseph Mallia (ID 534645M) et, Sworn Application 273/2008 AF, it was ordered that service upon Loreta Demicoli et be made by this publication as provided in Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta.

By means of an Application of Appeal filed in the Court of Appeal (Superior Jurisdiction), in the names Carmelo sive Karmnu Demicoli et vs Joseph Mallia (ID 534645M) et on the 22nd day of January, 2016, Joseph Mallia (ID 534645M) et respectfully submitted:

Illi fir-Rikors Promotur ir-rikorrenti ppremetta u talab dak riprodott fl-imsemmi Rikors tal-Appell;

Illi permezz tar-Risposta tiegħu l-intimat eċepixxa dak miġjub fl-istess Rikors tal-Appell;

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ddeċidiet billi ċaħdet l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni, ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut, u laqgħet it-talbiet tal-atturi, u ordnat lill-konvenut jew l-eredi tiegħu li qegħdin jokkupaw l-imsemmi fond 32, Triq Pawlu Galea, San Ġwann, mingħajr ebda titolu validu fil-liġi sabiex jiżgumbraw mill-imsemmi fond, fi żmien tliet (3) xhur mil-lum;

Illi l-Qorti llikwidat id-danni dovuti lill-atturi fis-somma ta' €101,681.69, liema somma se tiġi perċepita fil-forma ta' benefikati li saru mill-konvenut kif spjegat qabel;

Illi l-Qorti kkundannat lill-eredi tal-konvenut sabiex jirrilaxxaw favur l-atturi, l-imsemmi fond 32, Triq Pawlu Galea, San Ġwann, bil-benefikati mmobbli kollha, bħala kumpens tad-danni għal dan iż-żmien kollu li baqgħu jiddetjenu l-fond mibni fuq l-art tal-attur, mingħajr ebda titolu validu u mingħajr ma ħallsu ebda kumpens lill-istess sid għaż-żmien kollu li baqgħu joqogħdu fih, bl-ispejjeż kontra l-intimati;

Illi l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

1. Bona Fide tal-Intimat: Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti waslet għall-konklużjoni li l-azzjoni *reivindicatoria* tar-rikorrenti hija minnha u pruvata … omissis … rigward l-ewwel eċċezzjoni li tikkonċerna l-preskrizzjoni sabet li l-intimat ma kienx in bona fide … omissis … Illi umilment u bir-rispett l-intimati ma jaqblux ma' din il-konklużjoni … omissis … Illi jirriżulta b'mod ċar u inekwivokanti li l-intimat kien iltaqa' ma' Charles Mangion u kien wasal fi ftehim li jakkwista l-art … omissis … Illi matul il-kors tal-kawża, anke bix-xhieda tan-Nutar Antoine Agius, jidher b'mod ċar li kien ġie ffirmat konvenju bejn l-intimat u Charles Mangion, u dan bil-piena konoxxenza tar-rikorrenti … omissis … ir-rikorrenti ma jistax jgħid li ma kienx jaf bil-fatti *spece* u n-negozju li kien hemm bejn il-partijiet kollha … omissis … b'mod ċar li għal dsatax-il sena ma kien hemm l-ebda preokkupazzjoni. Isegwi li żgur l-intimat ma kienx qed jagħmel xi ħaġa bil-moħbi … omissis … l-intimat jixtieq ukoll jagħmel enfasi għal liġi applikabbli ta' dak iż-żmien fejn kien isir ħafna bejgħ ta' proprjetà permezz ta' konvenju li ma kienx jiġi reġistrat … omissis …;

2. L-Ammont ta' Danni Likwidati: Illi l-intimat jissottometti li l-ammont ta' danni li ġew likwidati huwa

That in his Original Application the applicant submitted and demanded that reproduced in the abovementioned Application of Appeal;

That by means of his Reply the respondent pleaded that said in the aforementioned Application of Appeal;

That the Honourable Court of First Instance ruled by dismissing the plea of prescription, rejecting all the pleas of the defendant, and upholding the claims of the plaintiffs, and ordered the defendant or his heirs who are occupying the said premises 32, Triq Pawlu Galea, San Ġwann, without any valid title at law to vacate the said premises, within three (3) months from today;

That the Court liquidated the damages owed to the plaintiffs in the sum of €101,681.69, which sum will be received in the form of improvements made by the defendant as previously explained;

That the Court ordered the heirs of the defendant to release in favour of the plaintiffs, the aforementioned property 32, Triq Pawlu Galea, San Ġwann, with all the immovable improvements, as damages for the duration they continued to retain the property built on the land of the plaintiff, without any valid title and without paying any compensation to the same owner for the duration they continued living in it, with court costs against the respondents;

That the grievance is clear and manifest and consists of the following:

1. Bona Fide of the Respondent: That the Honourable Court of First Instance came to the conclusion that the actio reivindicatoria of the applicant is true and proven … omissis … with regard to the first plea that concerns the prescription it found that the respondent was not in good faith … omissis … That humbly and respectfully the respondents disagree with this conclusion … omissis … That it results clearly and unequivocally that the respondent met Charles Mangion and had reached an agreement to acquire the land … omissis … That during the course of the proceedings, even from the testimony of Notary Antoine Agius, it is clear that a promise of sale agreement was signed between the respondent and Charles Mangion, and this with the full knowledge of the applicant … omissis … the applicant cannot say that he was unaware of the facts and business there was between all the parties …omissis … The time itself, and its passage … omissis … clearly show that for nineteen years there was no concern. It follows that the respondent was definitely not acting covertly … omissis … the defendant would also like to emphasize the applicable law at the time where lots of property used to be sold by promise of sale agreements that would not be registered … omissis …;

2. The Amount of Liquidated Damages: That the respondent submits that the amount of liquidated damages is

tassew eċċessiv … omissis … dawn [ir-rikorrenti] ma ġabu l-ebda prova tad-danni … omissis … Illi fil-verità saru meljoramenti peress li qabel kien hemm biċċa art u llum hemm dar mibnija u lesta … omissis … illi jekk wieħed kellu jippreżenta l-argument ta’ danni li jerġa’ jingħad li għaliha ma saret l-ebda prova, wieħed għandu jara li d-danni jibdew mill-interpellanza tal-2007, u mhux qabel;

3. Talbiet tal-Attur: Illi t-talba għar-ripreża tad-dar hija waħda invalida peress li l-attur ma kienx il-proprjetarju tagħha. L-attur stess jgħid li hu sid l-art u mhux tad-dar … omissis … mingħajr preġudizzju tas-suespost, l-attur jista’ jitlob lura l-art iżda ma jistax jitlob lura xi ħaġa li mhix tiegħu kif ammess minnu nnifsu … omissis …;

Għaldaqstant, l-esponenti filwaqt li jagħmlu referenza għall-provi kollha ġja prodotti u jirriservaw li jġibu l-provi kollha li tippermettilhom li jġibu din l-Onorabbli Qorti, jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tilqa’ l-appell tagħhom u tirrevoka u tħassar is-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti mogħtija fl-14 ta’ Jannar, 2016, fl-ismijiet premessi, billi tilqa’ l-eċċezzjonijiet tal-intimat u tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti, għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija.

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra r-rikorrent appellat.

Appellanti: Joseph Mallia (KI 534645M) et, ‘Farmhouse’, Triq tal-Franċiżi, Tal-Ibraġ, Is-Swieqi

Notifiki: Loreta Demicoli et
1. 32, Triq Pawlu Galea, San Ġwann
2. 45, ‘Mirage’, Triq Santu Rokku, Il-Mosta

Reġistru tal-Qrati Superjuri
Illum il-Ġimgħa, id-9 ta’ Frar, 2018

AV. DOTT. FRANK-LUKE M. ATTARD CAMILLERI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

truly excessive … omissis … they [the applicants] failed to submit any evidence of damages … omissis … That in truth improvements have been made since before there was a plot of land and today there is a ready built house … omissis … that if one was to present the argument of damages and again it is said that no evidence of damages was submitted, one must ensure that the damages start from the interpellation of 2007, and not before;

3. The Claims of the Plaintiff: That the demand to reclaim the house is invalid because the plaintiff was not its owner. The plaintiff himself says that he is the owner of the land and not of the house … omissis … without prejudice to the above-given, the plaintiff can reclaim the land but cannot ask for anything that is not his as admitted by himself … omissis …;

Therefore, the applicants whilst referring to all the evidence already submitted and reserving to bring all the evidence that this Honourable Court allows them to, ask with respect that this Honourable Court upholds their appeal and revokes and cancels the judgment of the Honourable Court of First Instance entered on the 14th day of January, 2016, in the above-cited names, by upholding the claims of the respondents and dismissing the claims of the applicants, for the reasons above-given.

With the costs of both instances against the applicant appellee.

Appellants: Joseph Mallia (ID 534645M) et, ‘Farmhouse’, Triq tal-Franċiżi, Tal-Ibraġ, Swieqi

Services: Loreta Demicoli et
1. 32, Triq Pawlu Galea, San Ġwann
2. 45, ‘Mirage’, Triq Santu Rokku, Mosta

Registry of the Superior Courts
Today Friday, 9th February, 2018

ADV. DR FRANK-LUKE M. ATTARD CAMILLERI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

277

B’digriet tad-29 ta’ Diċembru, 2017, mogħti mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta’ notifika skont l-artiklu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B’digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim’Awla, fis-7 ta’ Frar, 2018, fuq rikors ta’ J. Zammit Limited (C 37945) ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa, il-11 ta’ April, 2018, fil-ħdax u nofs ta’ filgħodu (11.30 a.m.) għall-Bejgħ bl-Irkant li għandu jsir

By a decree given on the 29th December, 2017, by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

By decree given by the Civil Court, First Hall, on 7th February, 2018, on the application of J. Zammit Limited (C 37945), Wednesday, 11th April, 2018, at half past eleven (11.30 a.m.) has been fixed for the Sale by Auction to be

f'numru ħamsa u ħamsin (55), J&J Boatyard, Ta' Għadmija, L-Imqabba, tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand Vella Rodney (KI 370079M):

Vettura tal-marka Alfa Romeo bin-numru tar-reġistrazzjoni CUT 156.

N.B. L-imsemmija vettura tinbiegħ kif deskritta fl-atti tas-Subbasta numru 23/17.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, id-9 ta' Frar, 2018

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

held at number fifty five (55), J&J Boatyard, Ta' Għadmija, Mqabba, of the following items seized from the property of Vella Rodney (ID 370079M):

Vehicle of the make Alfa Romeo with the registration number CUT 156.

N.B. The said vehicle will be sold as described in the acts judicial sale file number 23/17.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 9th February, 2018

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

278

B'Digriet tal-10 ta' Ottubru, 2017, mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, din il-Ċorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-artikoli 187(3) u 338(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12)

Illi b'Rikors u Ċedola ta' Kompensazzjoni kontestwalment IPpreżentati minn J. Zammit Limited (C 37945) fil-31 ta' Jannar, 2018 qed tintalab tpaċija tal-ammont ta' €100, prezz minnu offert fil-bejgħ bl-irkant 21/17 fl-ismijiet J. Zammit Limited vs Muaiad Elgusbi (KI 80380M) et miżmum taħt l-Awtorità ta' din il-Qorti fil-31 ta' Jannar, 2018.

Skont Artiklu 338 (2) tal-Kapitlu 12: Kull min jista' jkollu interess u l-persuni hekk notifikati għandhom żmien għoxrin ġurnata biex jippreżentaw tweġiba li fiha jiddikjaraw bid-dettaLl ir-raġunijiet għall-oppożizzjoni tagħhom u s-somom kontestati; u meta dik l-oppożizzjoni tkun imsejħa fuq talba li tolqot ir-rikavat tal-bejgħ u allegata kawża ta' preferenza, huma għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' dik it-talba u l-bażi għal dik il-preferenza. Dawn il-persuni għandhom flimkien mar-risposta jippreżentaw kull prova rilevanti sabiex jissostanzjaw l-opożizzjoni tagħhom.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum il-Ġimgħa, id-9 ta' Frar, 2018

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a Decree of the 10th October, 2017, given by the First Hall, Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to articles 187 (3) and 338(1) of the Code of Organization and civil procedure (Cap. 12)

That by application and a Schedule of set-off filed contemporaneously byJ. Zammit Limited (C 37945) on the 31st January, 2018 the approval of the said judicial acts is being demanded for the amount of €100 following judicial sale by auction 21/17 in the names J. Zammit Limited vs Muaiad Elgusbi (ID 80380M) et held under the Authority of the said Court on the 31st January, 2018.

According to Article 338 (2) of Cap. 12: Any person who may have an interest and the persons so served shall be allowed the time of twenty days to file an answer stating in detail the reasons for their opposition and the amounts in contestation; and where such opposition is based on a claim against the proceeds of sale an alleged cause of preference, they are to state the amount of such claim and the basis for the preference. Such persons shall with the answer file all relevant evidence to substantiate their opposition.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 9th February, 2018

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

279

Permezz ta' digriet mogħti fil-20 ta' Novembru, 2017, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2010/17, fl-ismijiet J. Zammit Estates Limited vs Claudette Camilleri et noe, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Loreta Zammit a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

By means of a decree of the 20th November, 2017, in the records of the judicial letter number 2010/17, in the names J Zammit Estates Limited vs Claudette Camilleri et noe, the Courts of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Loreta Zammit in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Claudette Camilleri bħala eredi ta' Carmelo Cornelius sive Charles Camilleri u Loreta Zammit (KI 266075M) ta' 80, My Way, Triq Santa Katarina, Il-Qrendi, bħala mandatarja speċjali tal-assenti Christopher Camilleri (Passaport numru 1074707) u bħala leġittima rappreżentanta ta' binha minuri Sven Camilleri *qua* eredi ta' Carmelo Cornelius sive Charles Camilleri (KI 459191M), fil-31 ta' Lulju, 2017, J. Zammit Estates Limited (C 52422) ta' Aries House, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, Malta, tinterpellakom sabiex immedjatament tħallsu s-somma ta' €4,266.54 rappreżentanti tmintax-il (18) skadenza ta' €237.03 li mmaturaw fil-25 ġurnata ta' kull xahar minn Diċembru, 2015 sa' Mejju, 2017, rispettivament (kopji hawn annessi u mmarkati Dok. A1 Dok. A18), oltre l-imgħax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala sal-pagaemnt effettiv.

Din l-ittra uffiċjali qed issirilkom a tenur tal-Artikoli 253(e) u 256(2) tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u għaldaqstant il-mittenti javvertikom illi jekk fi żmien għoxrin ġurnata min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali intom ma turux lill-Qorti raġunijiet gravi u validi biex topponu l-esekuzzjoni ta' dawn il-kambjali, allura dan il-kreditu jiġi reż titolu eżekuttiv u jinħarġu kontra tagħkom il-mandati eżekuttivi kollha spettanti lilu skont il-liġi.

Tant sabiex tagħrfu timxu u tirregolaw ruħkom u bl-ispejjeż kontra tagħkom.

Din l-ittra uffiċjali qed tintbagħat *ai termini* tal-Artikoli 253(e) u 256(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex tirrendi kambjala esegwibbli u f'każ li inti ma tagħmilx rikors fi żmien għoxrin (20) ġurnata min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali *ai termini* tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex topponi l-esekuzzjoni tal-istess kambjala jekk jidhirlek illi l-firma fuq il-kambjala mhijiex tiegħek jew tal-mandatarju tiegħek jew jekk jidhirlek illi hemm raġunijiet gravi u validi biex topponi din l-esekuzzjoni, il-kambjala inkwistjoni tiġi reża esegwibbli.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum id-9 ta' Frar, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Claudette Camilleri as heir of Carmelo Cornelius sive Charles Camilleri and Loreta Zammit (ID 266075M) of 80, My Way, Triq Santa Katarina, Qrendi, as special mandatory of the late Christopher Camilleri (Passport Number 1074707) and as legal representative of her minor son Sven Camilleri heir of Carmelo Cornelius sive Charles Camilleri (ID 459191M), on the 31st July 2017, J. Zammit Estates Limited (C 52422) of Aries House, Mdina Road, Ħaż-Żebbuġ, Malta, calls upon you so that immediately you pay the sum of €4,266.54 representing 18 bills of exchange of €237.03 each matured every 25th day of each month that is from December, 2015 till May, 2017, respectively (copy here attached and marked as Doc. A1 to A18) besides the legal interests from the day of maturity of each bill of exchange till the day of effective payment.

This judicial letter is made in terms of Article 253(e) and 256(2) of the Code of Organization and Civil Procedure and thus the interpellant warns you that if within twenty days from the notification of this judicial letter you will not show grave and valid resons to oppose such execution of these bills of exchange, thus this credit will be rendered executive title and executive warrants will be issued against you according to law.

So much so that you may know how to regulise yourselves and with costs against you.

This judicial letter is being sent in terms of Article 253(e) and 256(2) of Cap. 12 of the Laws of Malta to render the said bills of exchange executable and in case you do not make an application within twenty (20) days from the day of notification of this judicial letter in terms of Article 253(e) of Cap. 12 of the Laws of Malta to oppose the execution of the said bills of exchange because the signature on the bills of exchange is not yours or of your mandatory and if there are valid and grave reasons to oppose this execution, the bills of exchange in question will be rendered executable.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 9th February, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

280

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħti fis-17 ta' Jannar, 2018, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Dr Abdalla Mohamed Kablan (KI 214307L) vs Scheduit Ltd (C 65520), Rikors Ġuramentat numru 1099/2017 MH, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Scheduit Ltd (C 65520) a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Notice is hereby given that by a decree of the First Hall of the Civil Court, entered on the 17th day of January, 2018, in the records of the Sworn Application in the names Dr Abdalla Mohamed Kablan (ID 214307L) vs Scheduit Ltd (C 65520), Sworn Application number 1099/2017 MH, it was ordered that service upon Scheduit Ltd (C 65520) be made by this publication as provided in Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Dr Abdalla Mohamed Kablan (KI 214307L) vs Scheduit Ltd (C 65520) fl-4 ta' Diċembru, 2017, Dr Abdalla Mohamed Kablan (KI 214307L) talab lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża *ai termini* tal-Artikoli 167-170 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. Tiddikjara li s-soċjetà konvenuta hija debitriċi tal-attur fis-somma ta' €65,474.28ċ;

3. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' €65,474.28ċ.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali kif mitluba kontra l-konvenuta li minn issa hija inġunta in subizzjoni. B'riserva għall-azzjonijiet ulterjuri.

Rikorrenti: Dr Abdalla Mohamed Kablan (KI 214307L)

Notifiki: Scheduit Ltd (C 65520), Il-Girna, Trejqet is-Summien, Il-Kappara, San Ġwann

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Dr Abdalla Mohamed Kablan (KI 214307L) vs Scheduit Ltd (C 65520) et ġie differit għas-smigħ għas-16 ta' Frar, 2018, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri
Illum it-Tnejn, it-12 ta' Frar, 2018

AV. DOTT. FRANK-LUKE M. ATTARD CAMILLERI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Dr Abdalla Mohamed Kablan (ID 214307L) vs Scheduit Ltd (C 65520) on the 4th day of December, 2017, the applicant Dr Abdalla Mohamed Kablan (ID 214307L) asked this Honourable Court to:

1. Enter judgement allowing his demand without proceeding to trial in terms of Articles 167-170 of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12 of the Laws of Malta);

2. Declare that the defendant company owes the plaintiff the sum of €65,474.28c;

1. Order the defendant company to pay to the plaintiff the aforementioned sum of €65,474.28c.

With court costs and legal interest as demanded against the defendant company, as of now summoned so that a reference to its oath be made. The plaintiff Dr Abdalla Mohamed Kablan reserves the right to take further action.

Applicant: Dr Abdalla Mohamed Kablan (ID 214307L)

Services: Scheduit Ltd (C 65520), Il-Girna, Trejqet is-Summien, Kappara, San Ġwann

The Sworn Application in the names Dr Abdalla Mohamed Kablan (KI 214307L) vs Scheduit Ltd (C 65520) et was deferred for hearing to the 16th day of February, 2018 at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts
Today Monday, the 12th day of February, 2018

ADV. DR FRANK-LUKE M. ATTARD CAMILLERI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

281

B'Digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-3 ta' Jannar, 2018, fuq rikors ta' HSBC Bank Malta plc (C 3177) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, it-22 ta' Marzu, 2018, f'nofsinhar (12.00 p.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir fl-ewwel sular ta' dawn il-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Appartament, internament immarkat bin-numru 3, Victoria Apartment, numru 88, Triq il-Kapuċċini, San Ġwann, li jinsab fit-tieni sular, liberu u frank, stmat li jiswa ħamsa u sebgħin elf ewro (€75,000);

*Penthouse*, bl-arja sovrastanti, konstatat mill-perit bħala *duplex unit*, Victoria Apartment, numru 88, Triq il-Kapuċċini, San Ġwann, liberu u frank, stmat li jiswa tmenin elf ewro (€80,000).

By Decree given by the Civil Court, First Hall, on the 3rd January, 2018, on the application of HSBC Bank Malta plc (C 3177), Thursday 22nd March, 2018, at noon (12.00 a.m.), has been fixed for the Sale by Auction, to be held on the first floor, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

Apartment, internally marked number 3, Victoria Apartment, number 88, Triq il-Kapuċċini, San Ġwann, on the second floor, free and unencumbered, valued seventy-five thousand euro (€75,000);

Penthouse, with overlaying airspace, considered by the architect as a duplex unit, Victoria Apartment, number 88, Triq il-Kapuċċini, San Ġwann, free and unencumbered, valued eighty thousand euro (€80,000).

Il-proprjetà tinkludi wkoll kwart sehem indiviż mill-partijiet komuni tal-imsemmi blokk.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Zanzara Co. Ltd (C 34881).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 13/13.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, it-12 ta' Frar, 2018

RUDOLPH MARMARÀ
għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali Ċivili

The property also includes one fourth undivided share of the common parts of the said block.

The said tenement is the property of Zanzara Co. Ltd (C 34881).

N.B. The said tenement will be sold as described in the judicial sale 13/13.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 12th February, 2018

RUDOLPH MARMARÀ
for Registrar Civil, and Tribunal Courts

282

B'digriet mogħti mill-Qorti, Prim'Awla, fit-18 ta' Jannar, 2018, fuq rikors ta' Galea Henry et (KI 79464M) ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, it-8 ta' Mejju, 2018, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-Bejgħ bl-Irkant, li għandu jsir fl-Ewwel Sular, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Fond residenzjali bla numru uffiċjali mmarkat mhux uffiċjalment bin-numru 21A mibni fuq *plot* numru 21 formanti parti mill-artijiet magħrufa bħalha Juno Heights, formanti parti dan l-istess fond minn binja akbar bl-isem Oceana, inkluż il-garaxx fil-*basement level* u żewg fondi sovrastanti, bil-fond l-ieħor immarkat mhux uffiċjalment bin-numru 21B u bis-sehem tan-nofs indiviż tal-partijiet, servizzi u amenitajiet komuni inkluż il-*lift shaft* u il-lift intiżi għall-użu komuni u għall-utilità komuni fi Triq il-Biżantini, Marsaxlokk. Il-fond hu stmat li jiswa €835,000 (tmien mija, ħamsa u tletin elf ewro).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Bugeja Raymond et (KI 310856M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 48/2016.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, it-12 ta' Frar, 2018

RUDOLPH MARMARÀ
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 18th January 2018, on the application of Galea Henry et (ID 79464M), Tuesday, 8th May, 2018, at half past ten in the morning (10.30 a.m.), has been fixed for the Sale by Auction, to be held on the First Floor, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

Residential Property without official number unofficially marked with number 21A built on plot number 21 forming part of the lands known as Juno Heights,forming part of the same property building named Oceana, including the garage in the basement level and two other overlying tenements , with the other tenement unofficially marked 21B with a half of the undivided share of the common parts, common services and amenities including the lift shaft and lift for the common use in Triq il- Biżantini, Marsaxlokk. The tenement is valued at €835,000 (eight hundred and thirty-five thousand euro).

The said tenement is the property of  Bugeja Raymond et (ID 310856M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 48/2016.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 12th February, 2018

RUDOLPH MARMARÀ
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

283

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fid-9 ta' Frar, 2018, fuq rikors ta' HSBC Bank Malta plc ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, it-13 ta' Marzu, 2018, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-Bejgħ bl-Irkant li għandu jsir fl-Ewwel Sular, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fondi hawn taħt deskritt:

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 9th of February, 2018, on the application of HSBC Bank Malta plc, Tuesday, 13th March, 2018, at half past ten in the morning (10.30 a.m.) has been fixed for the Sale by Auction, to be held on The First Floor, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

(i) Garaxx għal karozza waħda fil-*basement level* internament immarkat bin-numru tmienja (8) b'aċċess minn rampa li tagħti għal fuq Triq A. M. Valperga, Il-Fgura, inkluż sehem indiviż tal-partijiet komuni tal-istess kumpless ta' garaxxijiet. Il-proprjetà għandha ċens ta' għaxar ewro (€10) fis-sena u stmata li għandha valur ta' tmienja u għoxrin elf ewro (€28,000);

(ii) Garaxx għal karozza waħda fil-*basement leve*l internament immarkat bin- numru tnax (12) b'aċċess minn rampa li tagħti għal fuq Triq A.M. Valperga, Il-Fgura, inkluż sehem indiviż tal-partijiet komuni tal-istess kumpless ta' garaxxijiet. Il-proprjetà għandha ċens ta' għaxar ewro (€10) fis-sena u stmata li għandha valur ta' tmienja u għoxrin elf ewro (€28,000);

(iii) *Penthouse* internament immarkat bin-numru erbatax (14) b'aċċess minn Triq Ċensu Busuttil, Il-Fgura, inkluż parti indiviż mill- komun tal-blokk tal-istess kumpless ta' appartamenti. Il-proprjetà għandha ċens ta' għaxar ewro (€10) fis-sena u stmata li għandha valur ta' mija u għoxrin elf ewro (€120,000);

(iv) L-arja sovrastanti l-blokk bl-isem 'Ta' Marie Court' fi Triq Ċensu Busuttil, Il-Fgura, inkluż parti indiviż mill-komun tal-blokk tal-istess kumpless ta' appartamenti. L-arja għandha ċens ta' għoxrin ewro (€20) fis-sena u stmata li għandha valur ta' mitt elf ewro (€100,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Gheiti & Sons Ltd (C 36789).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-Atti tas-Subbasta 83/13.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, it-12 ta' Frar, 2018

RUDOLPH MARMARÀ
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

(i) One Car Garage at basement level internally marked number eight (8) with access from a ramp from Triq A. M. Valperga, Fgura, including an undivided share of the common parts of the same garages complex. The property is subject to an annual ground rent of ten euro (€10) valued at twenty-eight thousand euro (€28,000);

(ii) One car garage at basement level internally marked number twelve (12) with access from a ramp from Triq A.M. Valperga, Fgura, including an undivided share of the common parts of the same garages complex. The property is subject to an annual ground rent of ten euros (€10) valued at twenty-eight thousand euros (€28,000);

(iii) Penthouse internally marked number fourteen (14), with access from Triq Ċensu Busuttil, Fgura, including an undivided share of the common parts of the same appartments complex. The property is subject to an annual ground rent of ten euros (€10) valued at one hundred and twenty thousand euro (€120,000);

(iv) The airspace on the Block named 'Ta' Marie Court' in Triq Ċensu Busuttil, Fgura, including an undivided share of the common parts of the same appartments complex. The airspace has an annual ground rent of twenty euro (€20) valued at one hundred thousand euro (€100,000).

The said tenement is the property of Gheiti & Sons Ltd (C 36789).

N.B. The said tenement will be sold as described in the Acts 83/2013.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 12th February, 2018

RUDOLPH MARMARÀ
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

284

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fid-9 ta' Frar, 2018, fuq rikors ta' Raymond Auto Dealer Ltd (C 9850) ġie ffissat il-jum ta' it-Tlieta, l-20 ta' Marzu, 2018, f'nofsinhar (12.00 p.m.) għall-Bejgħ bl-Irkant li għandu jsir fl-Ewwel Sular, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Fond inkluż l-arja tiegħu nnumerat mitejn u tmienja u għoxrin (228) fi Triq l-Imdina, Ħal Qormi. Il-fond hu suġġett għal kirja, stmat li jiswa mija u tmint elef ewro (€108,000);

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 9th February, 2018, on the application of Raymond Auto Dealer Ltd (C 9850), Tuesday, 20th March, 2018, at noon (12.00 p.m.) has been fixed for the Sale by Auction, to be held on the First Floor, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

Tenement including airspace numbered two hundred and twenty eight (228) in Triq l-Imdina, Ħal Qormi. The tenement is subject to a rent, and is valued at one hundred and eight thousand euro (€108,000);

Terran sottopost għal beni ta' terzi nnumerat bin-numru mitejn u tnejn u tletin (232), fi Triq l-Imdina, Ħal Qormi, stmat li jiswa ħamsa u tmenin elf ewro (€85,000);

Terran sottopost għal beni ta' terzi nnumerat sebgħin (70) fi Triq Ġużè Duca, Ħal Qormi, stmat li jiswa mitt elf ewro (€100,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Magro Vincenzo (KI 628844M) et.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-Atti tas-Subbasta 22/2016.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, it-12 ta' Frar, 2018

RUDOLPH MARMARÀ
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Ground floor tenement underlying third party property numbered two hundred and thirty-two (232), in Triq l-Imdina, Ħal Qormi, valued eighty-five thousand euro (€85,000);

Ground floor tenement underlying third party property numbered seventy (70) in Triq Ġużè Duca, Ħal Qormi, valued at one hundred thousand euro (€100,000).

The said tenement is the property of Magro Vincenzo (ID 628844M) et.

N.B. The said tenement will be sold as described in the Judicial Sales Act 22/2016.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 12th February, 2018

RUDOLPH MARMARÀ
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

285

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) mogħti fis-7 ta' Marzu, 2017, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Maria Romana Dalpane (KI 1784A) noe vs Joe Farrugia (KI 436142M) qua Amministratur ta' St George's Park Association et, Rikors Ġuramentat numru 779/2008 AE, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Maria Romana Dalpane (KI 1784A) noe a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz ta' Rikors tal-Appell ippreżentat fil-Qorti tal-Appell (Superjuri), fl-ismijiet Romana Dalpane (KI 1784A) noe vs Joe Farrugia (KI 436142M) *qua* Amministratur ta' St George's Park Association et fl-1 ta' Novembru, 2016, Joe Farrugia (KI 436142M) *qua* Amministratur ta' St George's Park Association jesponi bir-rispett:

Illi permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fis-27 ta' Jannar, 2009, l-attriċi ppremettiet u talbet kif riprodott fl-imsemmi Rikors tal-Appell;

Illi permezz ta' Risposta Ġuramentata ppreżentata fit-12 ta' Diċembru, 2008, is-soċjetà konvenuta St George's Park Company Limited wieġbet kif riprodott fl-istess Rikors tal-Appell;

Illi permezz ta' Risposta Ġuramentata ppreżentata fit-12 ta' Frar, 2009, il-konvenut Joseph Farrugia fil-kwalita tiegħu premessa wieġeb kif ripodott fl-imsemmi Rikors tal-Appell;

Illi permezz tas-sentenza tagħha tat-12 ta' Ottubru, 2016, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet is-segwenti:

Notice is hereby given that by a decree of the Court of Appeal (Superior Jurisdiction), entered on the 7th day of March, 2017, in the records of the Sworn Application in the names Maria Romana Dalpane (ID 1784A) noe vs Joe Farrugia (ID 436142M) as Administrator of St George's Park Association et, Sworn Application 779/2008 AE, it was ordered that service upon Maria Romana Dalpane (ID 1784A) noe be made by this publication as provided in Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta.

By means of an Application of Appeal filed in the Court of Appeal (Superior Jurisdiction), in the names Maria Romana Dalpane (ID 1784A) noe vs Joe Farrugia (ID 436142M) as Administrator of St George's Park Association et on the 1st day of November, 2016, Joe Farrugia (ID 436142M) as Administrator of St George's Park Association respectfully submitted:

That by means of a Sworn Application filed on the 27th day of January, 2009, the plaintiff submitted and demanded that reproduced in the abovementioned Application of Appeal;

That by means of a Sworn Reply filed on the 12th day of December, 2008, the defendant company St. George's Park Company Limited responded by stating that reproduced in the said Application of Appeal;

That by means of a Sworn Reply filed on the 12th day of February, 2009, the defendant Joseph Farrugia in his quality above-given replied as reproduced in the abovementioned Application of Appeal;

That by its judgment of the 12th day of October, 2016, the Honourable First Hall of the Civil Court decided the

(1) Tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni; (2) Tiċħad l-eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta li mhijiex il-leġittimu kontradittur; (3) Dwar it-tielet eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta, tiddikjara li d-danni ġew pruvati; (4) Tiċħad ir-raba' eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta; (5) Tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-assoċjazzjoni konvenuta; (6) B'riferenza għat-tielet eċċezzjoni tal-assoċjazzjoni konvenuta, m'hemmx ħtieġa li ssir xi dikjarazzjoni mill-Qorti; (7) Tiċħad ir-raba' eċċezzjoni tal-assoċjazzjoni konvenuta; (8) Tilqa' l-ewwel talba; (9) Tiddikjara li l-konvenuti huma solidalment responsabbli għad-danni sofferti mill-attur; (10) Tillikwida d-danni fis-somma ta' €31,445.22ċ; (11) Tikkundanna lill-konvenuti sabiex solidalment iħallsu lill-attur is-somma ta' €31,445.22ċ, u (12) Tiċħad l-aħħar talba. Spejjeż kollha a karigu tal-konvenuti, ħlief l-ispejjeż relatati mal-aħħar talba li huma a karigu tal-attur;

Illi l-esponenti ħassu aggravat minn din is-sentenza u qiegħed jinterponi dan l-umili appell;

Illi l-aggravji tal-esponenti appellant odjern huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

1. L-Ewwel Onorabbli Qorti kienet żbaljata meta ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u missha laqgħet din l-eċċezzjoni għax l-azzjoni hija preskritta,

2. Mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju, l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet żbaljata meta ddikjarat illi l-Assoċjazzjoni intimata hija responsabbli in solidum mal-kointimata soċjetà St George's Park Limited u dan stante illi, b'operazzjoni ta' ftehim ta' subappalt, l-Assoċjazzjoni intimata ma hijiex responsabbli lejn l-istess rikorrenti,

3. Mingħajr preġudizzju għall-ewwel żewġ aggravji, l-appellanti nomine ma kkaġuna l-ebda danni lill-appellata nomine,

4. Mingħajr preġudizzju għall-ewwel tliet aggravji, l-appellanti nomine ġie ddikjarat responsabbli għall-atti u ommissjonijiet illi, semmaj, seħħew qabel ma' huwa kien responsabbli għall-manutenzjoni (lejn però s-soċjetà kointimata tas-soċjetà esponenti u mhux tal-appellata),

5. Mingħajr preġudizzju għall-ewwel erba' eċċezzjonijiet, il-*quantum* tad-danni likwidati huwa eċċessiv u ma jeħux konsiderazzjoni ta' diversi fatturi kruċjali;

Illi l-imsemmi Rikors tal-Appell jagħti fil-qosor il-fatti tal-każ odjern;

Illi fl-istess Rikors tal-Appell l-esponenti appellant jipprovdi f'dettall dwar kull wieħed mill-aggravji hawn fuq imsemmija u ċjoè dwar: (1) L-Ewwel Onorabbli Qorti

following: (1) Dismisses the plea of prescription; (2) Dismisses the plea of the defendant company that it is not the legitimate defendant; (3) About the third plea of the defendant company, declares that the damages were proven; (4) Dismisses the fourth plea of the defendant company; (5) Dismisses the second plea of the defendant association; (6) With reference to the third plea of the defendant association, there is no néed for any declaration by the Court; (7) Dismisses the fourth plea of the defendant association; (8) Upholds the first claim; (9) Declares that the defendants are jointly and severally liable for the damages suffered by the plaintiff; (10) Liquidates the damages in the sum of €31,445.22c; (11) Orders the defendants to jointly and severally pay the plaintiff the sum of €31,445.22c, and (12) Dismisses the last claim. All costs are to be borne by the defendants, except the costs related to the last claim which are to be borne by the plaintiff;

That the applicant felt aggrieved by this judgment and is filing this humble appeal therefrom;

That the grievances of the present applicant appellant are clear and manifest and consist of the following:

1. The Honourable Court of First Instance was mistaken in rejecting the plea of prescription and should have upheld this plea because the action is time-barred,

2. Without prejudice to the first grievance, the Honourable Court was mistaken in stating that the respondent Association is jointly and severally responsible with the co-respondent company St. George's Park Limited and this because, by means of a subcontracting agreement, the respondent Association is not responsible vis-à-vis the said appellant,

3. Without prejudice to the first two grievances, the appellant nomine had not caused any damage to the appellee nomine,

4. Without prejudice to the first three grievances, the appellant nomine was declared liable for the acts and omissions that, if ever, occurred before he was responsible of the maintenance (but vis-a-vis the co-respondent company of the applicant company and not of the appellee),

5. Without prejudice to the first four grievances, the quantum of liquidated damages is excessive and does not take into account several key factors;

That the abovementioned Application of Appeal summarizes the facts of this case;

That in the aforementioned Application of Appeal the applicant appellant elaborates on each of the abovementioned grievances and namely on: (1) The Honourable Court

kienet żbaljata meta ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u missha laqgħet din l-eċċezzjoni għax l-azzjoni hija preskritta. Illi l-appellanti umilment jirrileva illi l-azzjoni esperita mill-appellata nomine hija azzjoni preskrivibbli bit-trapass ta' sentejn … omissis … Illi kwindi, ma jeżistux l-estremi meħtieġa mill-ġurisprudenza ċitata mill-Ewwel Onorabbli Qorti illi ma jkunx jista' jiġi determinat punt fiż-żmien meta d-danni jibdew jiġu sofferti u meta jkunu jistgħu jiġu determinati u allura, jiġi umilment sottomess, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni esperita u kwindi sabiex issir ġustizzja, din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex triq oħra ħlief illi tiddikjara illi din l-azzjoni hija preskritta; (2) Mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju, l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet żbaljata meta ddikjarat illi l-Assoċjazzjoni intimata hija responsabbli in solidum mal-kointimata soċjetà St George's Park Limited u dan stante illi, b'operazzjoni ta' ftehim ta' subappalt, l-Assoċjazzjoni intimata ma hijiex responsabbli lejn l-istess rikorrenti. Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma qisitx il-fatt illi bejn il-kointimati hemm kuntratt ta' subappalt u illi l-Assoċjazzjoni intimata ma hijiex responsabbli lejn l-istess rikorrenti skont il-liġi … omissis … Għaldaqstant, l-appellanti umilment jirrileva illi huwa mhuwa bl-ebda mod responsabbli lejn l-appellata nomine, izda huwa l-kointimat l-ieħor, u ċjoè s-soċjetà intimata St George's Park Company Limited illi kienet u baqgħet responsabbli lejn l-appellata sal-lum u allura l-appellanti umilment jirrileva illi din l-Onorabbli Qorti tilqa' din l-eċċezzjoni wkoll … omissis …; (3) Mingħajr preġudizzju għall-ewwel żewġ aggravji, l-appellanti nomine ma kkaġuna l-ebda danni lill-appellata nomine. Illi mill-provi jirriżulta ampjament ċar illi l-appellanti nomine minn dejjem qeda l-obbligi inkombenti fuq l-Assoċjazzjoni, hekk kif il-ftehim ta' subappalt datat il-31 ta' Mejju, 1999, daħal fis-seħħ … omissis …; (4) Mingħajr preġudizzju għall-ewwel tliet aggravji, l-appellanti nomine ġie ddikjarat responsabbli għall-atti u ommissjonijiet illi, semmaj, seħħew qabel ma huwa kien responsabbli għall-manutenzjoni (lejn però s-soċjetà kointimata tas-soċjetà esponenti u mhux tal-appellata). Illi l-appellanti nomine daħal fix-xena biss fl-1 ta' Jannar, 2000. Effettivament, l-Assoċjazzjoni (jerġa' jiġi ribadit) qatt ma daħal responsabbli lejn l-appellata. Fi kwalunkwe każ, però, l-Assoċjazzjoni appellanti, semmaj, daħlet responsabbli lejn is-soċjetà kointimata u dan fl-1 ta' Jannar, 2000, … omissis …, u (5) Mingħajr preġudizzju għall-ewwel erba' eċċezzjonijiet, il-*quantum* tad-danni likwidati huwa eċċessiv u ma jeħux kunsiderazzjoni ta' diversi fatturi kruċjali … omissis … l-Ewwel Onorabbli Qorti missha ħadet inkonsiderazzjoni tas-segwenti tliet fatturi: (a) L-element qawwi ta' kontributorjetà fl-Artikolu 1051 tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta (Edizzjoni Riveduta); (b) Il-fatt illi l-istess appellata ma ħadet l-ebda passi sabiex tillimita d-danni tagħha, u (c) Provi dwar id-danni realment subiti huma tenwi għall-aħħar u jistgħu jwasslu għall-arrikkiment indebitu tal-appellata.

of First Instance was mistaken in rejecting the plea of prescription and should have upheld this plea because the action is time-barred. That the appellant humbly submits that the action instituted by the appellee nomine is an action time-barred with the lapse of two years … omissis … That thus, the elements required by the jurisprudence cited by the Honourable Court do not exist, that a point in time could not be determined when the damages begin to be incurred and when they can be determined and then, it is humbly submitted, the Honourable Court of First Instance should not have rejected the plea of prescription of the instituted action and thus for justice to be done, this Honourable Court has no alternative but to declare that this action is time-barred; (2) Without prejudice to the first grievance, the Honourable Court was mistaken in stating that the respondent Association is jointly and severally responsible with the co-respondent company St. George's Park Limited and this because, by means of a subcontracting agreement, the respondent Association is not responsible vis-a-vis the said appellant. That the Honourable Court failed to consider the fact that between the co-respondents a subcontracting contract existed and that the respondent Association is not liable to the said applicant under the law … omissis … Therefore, the appellant, humbly points out that he is by no means responsible to the defendant nomine, but it is the other co-respondent, and namely the respondent company St George's Park Company Limited which was and remained responsible vis-à-vis the appellee to this day and thus, the appellant humbly asks this Honourable Court to also uphold this plea … omissis …; (3) Without prejudice to the first two grievances, the appellant nomine had not caused any damage to the appellee nomine. That from the evidence it is amply clear that the appellant nomine had always fulfilled the obligations incumbent on the Association, as soon as the subcontracting agreement dated the 31st day of May, 1999 entered into force … omissis …; (4) Without prejudice to the first three grievances, the appellant nomine was declared liable for the acts and omissions that, if ever, occurred before he was responsible of the maintenance (but vis-a-vis the co-respondent company of the applicant company and not of the appellee). That the applicant nomine only entered the scene on the 1st day of January, 2000. Effectively, the Association (it is again confirmed) never became responsible vis-a-vis the appellee. In any case, however, the appellant Association, if ever, assumed responsibility vis-a-vis the co-respondent company on the 1st day of January, 2000 … omissis …, and (5) Without prejudice to the first four grievances, the quantum of liquidated damages is excessive and does not take into account several key factors … omissis … the Honourable Court should have taken into account the following three factors: (a) the strong element of contribution contained in Article 1051 of Cap. 16 of the Laws of Malta (Revised Edition); (b) The fact that the same appellee had not taken any steps to limit her damages, and (c) Evidence of the actual damage suffered is very poor and can lead to the unjust enrichment of the respondent.

… omissis …

Għaldaqstant, u in vista tas-suespost, l-appellant nomine jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tvarja s-sentenza appellata b'dan illi filwaqt illi tikkonfermaha fil-parti fejn ċaħdet l-aħħar talba tal-appellata nomine, tirrevokaha u tħassarha fil-parti rimanenti kollha tagħha u dan billi tilqa' l-ewwel erba' aggravji tal-istess appellant nomine u tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti appellata fil-konfront tal-appellanti nomine filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-istess appellanti nomine bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess appellata nomine; u fin-nuqqas illi tilqa' l-ewwel erba' aggravji tal-istess appellanti nomine, tilqa' l-ħames aggravju tal-istess appellanti nomine u tillikwida danni f'ammont inqas minn dik likwidat mill-Ewwel Onorabbli Qorti bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess appellata nomine.

Appellant: Joe Farrugia (KI 436142M) *qua* Amministratur ta' St George's Park Association, The Office, Rohal Block, St George's Park, San Ġiljan

Notifiki: Maria Romana Dalpane (KI 1784A) noe, Dar Wied Mejxu, 2, Triq Villa Rosa, Is-Swieqi

Reġistru tal-Qrati Superjuri

Illum it-Tnejn, it-12 ta' Frar, 2018

AV. DOTT. FRANK-LUKE M. ATTARD CAMILLERI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

… omissis …

Therefore, and in view of the above, the appellant nomine asks this Honourable Court to vary the appealed judgment by confirming the part whereby it rejected the last claim of the appellee nomine, and revoking and cancelling all its remaining part and this by upholding the first four grievances of the same appellant nomine and dismissing the claims of the applicant appellee vis-a-vis the appellant nomine while upholding the pleas of the same appellant nomine with the costs of both instances against the said appellee nomine; and in case it decides not to uphold the first four grievances of the said appeallant nomine, upholds the fifth plea of the said appellant nomine and liquidates the damages in an amount less than that liquidated by the Honourable Court of First Instance with the costs of both instances against the said appellee nomine.

Appellant: Joe Farrugia (ID 436142M) as Administrator of St George's Park Association, The Office, Rohal Block, St George's Park, St Julians

Services: Maria Romana Dalpane (ID 1784A) noe, Dar Wied Mejxu, 2, Triq Villa Rosa, Swieqi

Registry of the Superior Courts

Today Monday, the 12th day of February, 2018

ADV. DR FRANK-LUKE M. ATTARD CAMILLERI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

286

B'digriet mogħti mill-Qorti, Prim'Awla, fis-6 ta' Frar, 2018, fuq rikors ta' J. Zammit Ltd (C 37945) ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa, il-21 ta' Marzu, 2018, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-Bejgħ bl-Irkant li għandu jsir f'numru ħamsa u ħamsin (55), J & J Boatyard, Ta' Għadmija, L-Imqabba, tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand Azzopardi Richard (KI 870M) u Azzopardi Hanane (KI 33546A).

Vettura ta' tip Nissan ta' kulur griż bin-numru tar-reġistrazzjoni KBR 104.

N.B. L-imsemmija vettura tinbiegħ bħalma ġiet deskritta fl-atti tas-Subbasta numru 38/2017.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, id-9 ta' Frar, 2018

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall, on 6th Febraury, 2018, on the application of J. Zammit Ltd (C 37945), Wednesday, 21st March, 2018, at eleven in the morning (11.00 a.m.) has been fixed for the Sale by Auction, to be held at at number fifty five (55), J & J Boatyard, Ta' Għadmija, Mqabba, of the following items seized from the property of Azzopardi Richard (ID 870M) and Azzopardi Hanane (ID 33546A).

Vehicle of the make Nissan grey in colour with the registration number KBR104

N.B. The said vehicle will be sold as described in the acts of judicial sale file number 38/17.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 9th Febraury, 2018

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC— *Printed at the Government Printing Press on FSC certified paper*